

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2569

tal-14 ta' Novembru 2022

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispicijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP 19 tas-CITES) (il-Belt tal-Panama, il-Panama, 14 – 25 ta' Novembru 2022) u dwar il-preżentazzjoni ta' speċi biex tiġi inkluża fl-Appendiċi III tas-CITES**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispicijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("CITES")<sup>(1)</sup>, li l-Unjoni aderiet magħha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451<sup>(2)</sup>, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975. Is-CITES ġiet implimentata fl-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97<sup>(3)</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu XI(3) tas-CITES, il-Konferenza tal-Partijiet (CoP) tista', fost oħrajn, tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES.
- (3) Skont l-Artikolu XVI tas-CITES, kwalunkwe Parti għas-CITES tista' tippreżenta lis-Segretarjat tas-CITES lista ta' spicijiet biex jiġu inklużi fl-Appendiċi III tas-CITES li dik il-Parti tidentifika bħala li huma soġġetti għal regolamentazzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħha, għall-fini tal-prevenzjoni jew tar-restrizzjoni tal-isfruttament, u bħala li jeħtieġu l-kooperazzjoni ta' Partijiet oħra fil-kontroll tal-kummerċ.
- (4) Is-CoP, matul id-19-il laqgħa tagħha mill-14 sal-25 ta' Novembru 2022 (CoP 19 tas-CITES), għandha tadotta deċiżjonijiet dwar 52 proposta li jemendaw l-Appendiċijiet tas-CITES, kif ukoll dwar bosta kwistjonijiet oħra relatati mal-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tas-CITES.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CoP 19 tas-CITES, peress li l-emendi għall-Appendiċijiet tas-CITES ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u bosta deċiżjonijiet oħra ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006<sup>(4)</sup>, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012<sup>(5)</sup>.
- (6) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni li għandha tittieħed fuq il-proposti differenti qabel is-CoP hija msejsa fuq analiżi esperta tal-merti tagħhom, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tas-CITES, fid-dawl tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, kif ukoll fuq il-livell tal-konsistenza tagħhom mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni,

<sup>(1)</sup> ĠU L 75, 19.3.2015, p. 4.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispicijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jstabilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jstipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 (ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, fid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP 19 tas-CITES) hija stabbilita fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Meta l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx tkun ser tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u qabel jew matul il-CoP 19 tas-CITES, jew meta jsiru proposti riveduti jew ġodda f'dik il-laqgħa li dwarhom l-Unjoni tkun għadha ma ħaditx pożizzjoni, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi żviluppata permezz ta' koordinazzjoni fuq il-post qabel ma l-Konferenza tal-Partijiet tintalab tiddeċiedi dwar daww il-proposti. F'tali każijiet, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-prinċipji stipulati fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

L-Unjoni għandha tippreżenta l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IIa ta' din id-Deċiżjoni għall-inklużjoni fl-Appendiċi III tas-CITES.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

## ANNEX I

**Pożizzjoni tal-Unjoni dwar kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu diskussi fid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), (il-Belt tal-Panama, il-Panama, 14 - 25 ta' Novembru 2022)**

**A. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

1. L-Unjoni tqis lis-CITES bħala konvenzjoni internazzjonali ewlenija għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u kontra t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.
2. L-Unjoni għandha tadotta pożizzjoni ambizzjuża fil-CoP19 tas-CITES, f'konformità mal-politiki tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali rilevanti tagħha, b'mod partikolari l-miri relatati mal-organiżmi selvaġġi skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 15, il-pożizzjoni tal-Unjoni <sup>(1)</sup> għall-CoP15 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika rigward il-Qafas Globali li ġej tal-Bijodiversità għal wara l-2020, il-Viżjoni Strateġika tas-CITES u r-Riżoluzzjoni 75/311 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha sservi wkoll biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-livell tal-UE permezz tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi, l-approċċ tal-UE għall-promozzjoni tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.
3. Il-prijoritajiet għall-Unjoni fil-CoP19 tas-CITES għandhom ikunu
  - l-użu sħiħ tal-istrumenti tas-CITES biex jiġi regolat il-kummerċ internazzjonali tal-ispeċijiet ta' animali u pjanti fil-periklu li huma soġġetti għal livelli ta' kummerċ mhux sostenibbli, filwaqt li jiġi segwit approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, u
  - it-tisħiħ tar-rispons għat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi mill-komunità internazzjonali;
- 3a. Fil-CoP19 tas-CITES l-Unjoni għandha tiżgura li l-istatus u d-drittijiet tal-UE bħala Parti għall-Konvenzjoni jibqgħu rispettati għalkollox.
4. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tqis li l-mekkaniżmi tas-CITES jistgħu jikkontribwixxu biex jittejjeb l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tirrikonoxxi l-ħidma ta' dawk il-pajjiżi li implimentaw miżuri ta' konservazzjoni effettivi. L-Unjoni għandha tiżgura wkoll li d-deċiżjonijiet meħuda fil-CoP19 jimmassimizzaw l-effiċjenza tas-CITES, billi jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u billi jiksbu soluzzjonijiet prattiċi, kosteffettivi u fattibbli għall-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ.
5. Il-CoP hija l-korp ta' tmexxija tas-CITES u għadd ta' deċiżjonijiet adottati fil-CoP19 tas-CITES ser jiġu implimentati mill-Kumitat Permanenti, li huwa l-korp sussidjarju ewlieni tal-CoP. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għall-CoP19 tas-CITES għalhekk għandha tiggwida wkoll l-approċċ tal-UE fil-75 u fis-76 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, li jseħħu eżatt qabel u wara l-CoP19 tas-CITES.

**B. KWISTJONIJET SPEĊIFIĊI**

6. Fil-CoP19 tas-CITES tressqu għall-kunsiderazzjoni tnejn u ħamsin **proposta għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES**. Minn dawn il-proposti, tleTTax ġew sottomessi mill-Unjoni bħala l-proponent ewlieni jew bħala koproponent, u naturalment l-adozzjoni tagħhom għandha tkun appoġġata wkoll mill-Unjoni.
- 6a. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES għandha tkun ibbażata fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernata u fuq l-impatt li l-kummerċ għandu jew jista' jkollu fuq l-istatus ta' dik l-ispeċi. Għal dan il-għan, għandu jittieħed kont tal-aktar pariri xjentifiċi rilevanti u robusti għall-valutazzjoni tal-proposti ta' elenkar f'konformità mar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 dwar il-kriterji għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II.

<sup>(1)</sup> ST 13975/22 (<https://www.consilium.europa.eu/media/59787/st13975-en22.pdf>).

- 6b. Il-fehmiet tal-Istati taż-żoni tad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati mill-proposti għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. L-Unjoni jidhrilha wkoll li, bħala regola ġenerali, għandu jingħata appoġġ lill-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES fejn dawn ikunu r-riżultat tal-ħidma mill-Kumitat tal-Animali u tal-Pjanti tas-CITES u mill-Kumitat Permanenti. Għandhom jitqiesu wkoll il-valutazzjoni tal-proposti mis-Segretarjat tas-CITES u mill-IUCN/Traffic <sup>(2)</sup> u, għall-ispeċijiet tal-baħar sfruttati kummerċjalment, il-valutazzjoni mill-panel ta' esperti ddedikat tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO).
7. Kif miftiehem fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/982 tas-16 ta' Ġunju 2022 <sup>(3)</sup>, l-Unjoni tisħaq favur l-inklużjoni ta'
- *Physignathus cocincinus* (Dragun tal-ilma Ċiniż) fl-Appendiċi II
  - *Cuora galbinifrons* (Fekruna tal-qoxra kaxxa tal-Indoċina) fl-Appendiċi I
  - *Laotriton laoensis* (Salamandra tal-Laos) fl-Appendiċi II bi kwota ta' esportazzjonijiet żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali
  - *Agalychnis lemur* (Żrinġ lemur tas-siġar) fl-Appendiċi II bi kwota annwali ta' esportazzjonijiet żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali
  - kull speċi ta' *Sphyrnidae* spp. (Kurazzi) li għadhom mhumiex inklużi fl-Appendiċi II
  - *Thelenota ananas*, *T. anax*, *T. rubralineata* (Bużzi) fl-Appendiċi II
  - *Khaya* spp. (Siġra tal-kawba tal-Afrika) (Popolazzjonijiet tal-Afrika) fl-Appendiċi II bl-Annotazzjoni #17
  - *Afzelia* spp. (Siġra tal-kawba tal-Pod) (Popolazzjoni tal-Afrika) fl-Appendiċi II bl-Annotazzjoni #17
  - *Dipteryx* spp. fl-Appendiċi II bl-Annotazzjoni #17 + żrieragħ
  - *Handroanthus* spp. (Siġra tal-fjuri tat-trumbetta), *Tabebuia* spp. u *Roseodendron* spp. fl-Appendiċi II bl-Annotazzjoni #17
  - *Pterocarpus* spp. (Padauk) (Popolazzjonijiet tal-Afrika) fl-Appendiċi II bl-Annotazzjoni #17
  - *Rhodiola* spp. fl-Appendiċi II tas-CITES bl-Annotazzjoni #2.

L-Unjoni ddeċidiet ukoll li tikkosponsorja u ser tippromwovi l-proposta mill-Panama biex *Carcharhinidae* spp. (Klieb il-baħar tar-ramel) jiġu elenkati fl-Appendiċi II.

8. L-Unjoni tinnota li fl-aħħar snin saret ħidma konsiderevoli biex **tinbena l-kapaċità għall-implimentazzjoni** tas-CITES, mhux l-inqas fir-rigward tal-**ispeċijiet tal-baħar**, inkluż permezz tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni. L-Unjoni tappoġġa li jkun hemm koordinazzjoni aħjar bejn is-CITES u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali u organizzazzjonijiet oħra, bħal organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u korpi oħrajn rilevanti, li jaġixxu fil-mandati rispettivi tagħhom, bil-għan li tittejjeb il-governanza u tiżdied il-komplementarjetà.
9. L-Unjoni tinnota enfasi akbar fi ħdan is-CITES fuq l-**ispeċijiet tal-injam**, kif rifless ukoll mill-proposti tal-Unjoni biex jiġu elenkati speċijiet addizzjonali ta' siġar fl-Appendiċi II tas-CITES fil-CoP19. Is-CITES għandha rwol importanti x'taqdi fil-konservazzjoni tal-foresti u l-Unjoni tappoġġa azzjoni aktar b'saħħitha u aktar konsistenti bejn is-CITES u organizzazzjonijiet u proċessi oħra relatati mal-foresti.
10. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar proposti relatati mat-**traffikar ta' organiżmi selvaġġi** għandha tirrifletti l-approċċ komprensiv tal-UE għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi billi jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tiegħu, jissaħħu l-oqfsa legali u ta' politika biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, jiġu infurzati r-regoli eżistenti b'mod effettiv, u jitrawmu shubbijiet globali biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, filwaqt li jiġi rikonoxxut li saret ħidma konsiderevoli mill-komunità internazzjonali f'dawn l-aħħar snin fil-prevenzjoni tat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi.

<sup>(2)</sup> L-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u TRAFFIC huma speċjalizzati fi kwistjonijiet dwar il-kummerċ tal-organiżmi selvaġġi u jipprovdu valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet tas-CITES qabel kull CoP.

<sup>(3)</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.L\\_2022.167.01.0095.01.ENG](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.L_2022.167.01.0095.01.ENG)

11. B'konsistenza ma' dawn il-prijoritajiet, l-Unjoni tappoġġa li l-ispeċijiet li bħalissa qed jiġu importati illegalment jew flivelli mhux sostenibbli fl-UE, jiġu protetti aħjar permezz tas-CITES. Għalhekk, l-Unjoni tappoġġa l-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet dwar l-ispeċijiet varji ta' rettili u amfibiji, b'mod partikolari id-diversi speċijiet ta' fkieren tal-ilma li jiġu importati fl-UE bħala annimali domestiċi.
12. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi wkoll inizzjattivi li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-**kapaċitajiet** tal-awtoritajiet rilevanti, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-aħjar Prattiki, bil-għan li s-CITES tiġi implimentata aħjar u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.
13. F'dan il-kuntest l-Unjoni tinnota proposti li jappellaw għall-ħolqien ta' **fondi** speċifiċi għall-benefiċċju tal-partijiet magħżula. L-Unjoni jidhrilha li l-fondi ġodda għandhom jinħolqu biss f'każijiet debitament ġustifikati, abbażi ta' analiżi bir-reqqa tal-fattibbiltà u tal-valur miżjud tagħhom. L-aċċess għall-finanzjament ma għandux ikun limitat għal partijiet jew gruppi ta' partijiet magħżula.
- 13a. Diversi proposti ppreżentati lill-CoP 19 tas-CITES jiffukaw fuq kwistjonijiet relatati mal-użu sostenibbli, il-mezzi tal-għajxien, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali. L-Unjoni għandha tappoġġa tali proposti sa fejn dawn jgħinu biex jiżguraw li kwistjonijiet rilevanti ikunu indirizzati fis-CITES. Madankollu, għandu jiġi evitat il-ħolqien ta' proċessi jew strutturi addizzjonali bi spejjeż sinifikanti u benefiċċji inċerti jew ir-riskju ta' duplikazzjoni.
14. Huwa importanti li l-Unjoni tiżgura li r-riżoluzzjonijiet, l-annotazzjonijiet u r-riżervi kollha jkunu jinftiehem u jiġu interpretati b'mod uniformi. Minkejja l-effett pożittiv tar-regoli attwali, l-indirizzar tal-kaċċa illegali tal-iljunfanti u t-traffikar tal-avorju jibqgħu prijorità, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati soluzzjonijiet sostenibbli għan-nies li jgħixu qrib il-iljunfanti u l-organiżmi selvaġġi b'mod ġenerali. Għalhekk, l-Unjoni għandha tippromwovi speċifikament il-kjarifika tar-regoli dwar il-kummerċ tal-iljunfanti ħajjin, speċifikament ir-Riżoluzzjoni Konf. 11.20 (Rev. CoP18) u r-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18). Fl-74 laqgħa tal-Kumitat Permanenti, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha esprimew ix-xewqa tagħhom li joħolqu qafas komuni għall-kummerċ tal-iljunfanti Afrikani ħajjin, imsejjes fuq il-qafas tas-CITES u fuq skrutinju xjentifiku trasparenti u robust. L-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-kummerċ tal-iljunfanti Afrikani ħajjin u l-promozzjoni tal-azzjonijiet li jindirizzaw direttament il-problema tal-kummerċ illegali tal-iljunfanti u tal-avorju għandhom jkunu prijorità għall-Unjoni għall-punti kollha relatati mal-iljunfanti fl-aġenda tal-CoP19.
15. L-Unjoni tinnota li l-Partijiet ressqu diversi proposti b'rabta mal-kummerċ legali fl-avorju tal-iljunfanti u l-qarn tar-rinoċeronti. L-Unjoni hija konxja tal-piż finanzjarju marbut mal-protezzjoni ta' speċijiet fil-periklu b'mod partikolari mit-traffikar ta' organiżmi selvaġġi u ta' kunflitt potenzjali bejn il-bnedmin u l-organiżmi selvaġġi u tipprovdi appoġġ lill-istati taż-żoni tad-distribuzzjoni f'dan ir-rigward. Il-kummerċ internazzjonali fl-avorju u l-qarn tar-rinoċeronti bħalissa huwa pprojbit skont il-qafas tas-CITES. L-Unjoni jidhrilha li l-kondizzjonijiet biex dan il-kummerċ jerġa' jiġi awtorizzat mhumix issodisfati u ma tappoġġax il-proposti għall-CoP19 biex dan jerġa' jinfetaħ. Fir-rigward tas-swieq domestiċi tal-avorju u l-qarn tar-rinoċeronti li jikkontribwixxu għall-kummerċ illegali, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa miżuri proporzjonati, effettivi u trasparenti msejsa fuq l-aqwa evidenza disponibbli, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.
16. L-Unjoni tirrikonoxxi li l-kummerċ internazzjonali fl-organiżmi selvaġġi u t-tnaqqis globali fil-bijodiversità jistgħu jkunu ta' riskju rigward il-feġġ u t-tixrid ta' **mard zoonotiku**. L-Unjoni tirrikonoxxi wkoll li hemm rabta bejn il-kummerċ illegali minn naħa u t-trattament ħażin tal-annimali min-naħa l-oħra, li jżid ir-riskju tat-tixrid tal-mard. Is-CITES għandu jkompli jkollha rwol, f'konformità mal-mandat tagħha, fit-tnaqqis tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-annimali u tan-nies. L-ebda organizzazzjoni ma tista' tindirizza waħedha l-isfidi multipli li jistgħu jwasslu għat-tifqigħa u t-tixrid ta' mard relatat mal-organiżmi selvaġġi. L-Unjoni tqis li permezz tal-inċentivi tar-reġim kummerċjali legali tal-Konvenzjoni, u b'mod partikolari fil-funzjoni tiegħu li jiskoraġġixxi l-kummerċ illegali, din tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju tat-tixrid taż-żoonożi. Għalhekk, l-Unjoni għandha thegħeġ lis-CITES biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni attiva tagħha ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi oħra, inkluż dawk involuti fis-saħħa tal-annimali jew dik pubblika, il-kummerċ, l-ikel u t-trasport, f'konformità mal-**approċċ "saħħa waħda"**. L-Unjoni tappoġġa bis-sħiħ l-impenn imġedded bejn l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u s-CITES biex jaħdmu flimkien fuq kwistjonijiet ta' saħħa u benessri tal-annimali madwar id-dinja biex jissalvagwardjaw il-bijodiversità u jiproteġu l-annimali.

17. Il-kriżi tat-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, flimkien mal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CITES għal speċijiet u Partijiet ġodda, tisser li f'dawn l-aħħar snin **iddaħħlu aktar attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-umbrella tas-CITES** u li l-piż tax-xogħol tas-Segretarjat tas-CITES żdied b'mod konsiderevoli. L-Unjoni għandha tqis dawn l-iżviluppi meta tiddeċiedi dwar il-prijoritajiet tagħha fil-CoP19 u dwar il-baġit futur għas-Segretarjat tas-CITES.
-

**Pożizzjoni tal-Unjoni dwar ċerti proposti mressqa lid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (il-Belt tal-Panama, il-Panama, 14 - 25 ta' Novembru 2022)**

"+"	jindika pożizzjoni favur
"_"	jindika pożizzjoni kontra
"0"	jindika pożizzjoni miftuħa minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti biex tiġi stabbilita pożizzjoni
"(+)"	jindika appoġġ kondizzjonali fuq id-disponibbiltà ta' aktar informazzjoni u/jew emendi għall-proposta
"(-)"	jindika oppożizzjoni li għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid jekk tiġi pprovduta evidenza ta' sostenn u/jew jekk il-proposta tiġi emendata b'mod sinifikanti

**1. DOKUMENTI TA' ĦIDMA**

Nru.	Punt fl-aġenda	Proponent <sup>(1)</sup>	Kummenti	Pożizzjoni
	Ċerimonja tal-ftuħ		L-ebda dokument	
	Diskorsi ta' merħba		L-ebda dokument	

**Kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji**

1.	Elezżjoni tal-President u tal-Viċi President tal-laqgħa u tal-Presidenti tal-Kumitati I u II		L-ebda dokument Diġà hemm qbil dwar il-kandidati.	
2.	Adozzjoni tal-aġenda CoP19 Dok. 2	Seg.	Maqbula	+
3.	Adozzjoni tal-programm ta' ħidma CoP19 Dok. 3	Seg.	Maqbula	+
4.	<b>Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet</b>			

	4.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 4.1	SC	Appoġġa l-emendi rakkomandati għall-Artikolu 7. Appoġġa l-emendi rakkomandati għall-Artikolu 25.5 u 25.6. Ishaq fuq l-importanza li kwalunkwe bidla fl-ordni tal-votazzjoni trid tkun eċċezzjonali u ġġustifikata kif xieraq mill-President fil-laqgħa.	+
	4.2	Emenda proposta għall-Artikolu 26 CoP19 Dok. 4.2	Il-Botswana u ż-Zimbabwe	Irrifjuta l-proposta peress li tmur kontra l-Artikolu XV tal-Konvenzjoni. Il-prinċipju li kull Parti għandu jkollha vot wieħed huwa fundamentali u mhux negozjabbli. Din il-bidla tirriżulta f'negozjati kkumplikati ħafna qabel kull votazzjoni u fi kwistjonijiet prattiċi sabiex ikun hemm valutazzjoni tal-popolazzjonijiet kemm jista' jkun qrib is-sessjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet biex jirriflettu s-sitwazzjoni.	-
5.	Kumitat tal-Kredenzjali				
	5.1	L-istabbiliment tal-Kumitat tal-Kredenzjali		L-ebda dokument	
	5.2	Rapport tal-Kumitat tal-Kredenzjali		L-ebda dokument	
6.	Ammissjoni tal-osservaturi CoP19 Dok. 6				
7.	Amministrazzjoni, finanzi u baġit tas-Segretarjat u tal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet				
	7.1	Amministrazzjoni tas-Segretarjat CoP19 Dok. 7.1	Seg.		
	7.2	Rapport tad-Direttur Eżekuttiv tal-UNEP dwar kwistjonijiet amministrattivi u oħrajn CoP19 Dok. 7.2	UNEP		
	7.3	Rapporti finanzjarji għall-2020-2022 CoP19 Dok. 7.3	Seg.		
	7.4	Baġit u programm ta' ħidma għall-2023 sal-2025 CoP19 Dok. 7.4	Seg.		
	7.5	Aċċess għall-finanzjament CoP19 Dok. 7.5	SC	L-ebda pożizzjoni	



	7.6	Proġett tad-delegati sponsorjati CoP19 Dok. 7.6	Seg.	Aqbel mal-proposta mis-Segretarjat li l-Programm ma jġigix estiż biex ikopri b'mod ġenerali l-laqgħat tal-Kumitat Permanenti u tal-Kumitati tal-Annimali u tal-Pjanti, peress li l-ħidma amministrattiva relatata ma' tali Programm imkabbar tirrappreżenta piż sproporzjonat għas-Segretarjat. Madankollu, aqbel mal-espansjoni limitata proposta tal-Programm għall-Partijiet eliġibbli soġġett għall-proċeduri tal-Artikolu XIII. Appoġġa l-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf 17.3 u l-abbozz tad-Deċiżjoni.	+
8.		Strateġija lingwistika għall-Konvenzjoni CoP19 Dok. 8	Seg.	L-UE tista' tappoġġa l-opzjoni 2 u hija lesta li tiddiskuti ċerti elementi tal-opzjoni 3, jekk iffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji. Hemm kwistjonijiet sinifikanti ta' baġit u dewmien li jridu jitqiesu, kif ukoll implikazzjonijiet possibbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tas-CITES kif deskritt fil-paragrafu 12.a) tad-Dok. 8. Kwalunkwe grupp ta' ħidma fis-sessjoni tal-Konferenza tal-Presidenti jeħtieġ li jinkludi rappreżentanti tar-reġjuni kollha, u mhux biss ta' Partijiet bl-Għarbi, biċ-Ċiniż u bir-Russu bħala l-lingwi uffiċjali tagħhom, minħabba li kwalunkwe deċiżjoni ser ikollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Partijiet kollha.	(-)

**Kwistjonijiet strateġiċi**

9.	Rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat				
	9.1	Il-Kumitat Permanenti			
	9.1.1	Rapport tal-President CoP19 Dok. 9.1.1	SC	Hu nota tad-dokument u appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet, inkluż suġġerimenti mis-Segretarjat.	+
	9.1.2	Elezżjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		L-ebda dokument	
	9.2	Il-Kumitat tal-Annimali			
	9.2.1	Rapport tal-President CoP19 Dok. 9.2.1	AC	Hu nota tad-dokument u appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet.	+
	9.2.2	Elezżjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		L-ebda dokument	

	9.3	Il-Kumitat tal-Pjanti				
	9.3.1	Rapport tal-President CoP19 Dok. 9.3.1	PC	Hu nota tad-dokument.		
	9.3.2	Elezżjoni ta' membri reġjonali ġodda u ta' membri reġjonali sostituti		L-ebda dokument		
10.	Viżjoni Strateġika tas-CITES CoP19 Dok. 10		SC	Appoġġa s-sett ta' deċiżjonijiet. L-indikaturi jistgħu jiġu mmodifikati aktar skont l-iżviluppi fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità għal wara l-2020.	(+)	
11.	<b>Speċijiet elenkati fl-Appendiċi-I</b> CoP19 Dok. 11		AC, PC	Appoġġa l-proposta b'xi emendi għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet li għandhom jiġu proposti mill-UE, filwaqt li tibqa' lest li tiddiskuti l-aġġustamenti proposti mis-Segretarjat għall-proċess propost u emendi oħra, jekk issuġġerit minn Partijiet oħra.	+	
12.	<b>Rapport dwar il-Kummerċ Dinji fil-Fawna u Flora Selvaġġa</b> CoP19 Dok. 12		L-Afrika t'Isfel	L-idea tar-rapport u tal-grupp ta' ħidma intersessjonali ġeneralment hija appoġġata. Madankollu, għad hemm xi inċertezzi fil-proposta. Għalhekk, tista' tiġi appoġġata biss, soġġetta għad-disponibbiltà ta' riżorsi esterni, jekk jinbeda proċess permezz ta' sett ta' deċiżjonijiet biex jiġi ddefinit aħjar ir-rapport bil-għan li tittieħed deċiżjoni fil-CoP20, jew jekk il-proposta tittejjeb sostanzjalment matul is-CoP19 biex tiġi pprovduta aktar ċarezza dwar il-kontenut tar-rapport.	(+)	
13.	L-involvement tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali CoP19 Dok. 13		SC	Appoġġa r-rakkomandazzjoni biex jiġu adottati d-deċiżjonijiet riveduti li jinsabu fl-Anness 1 tad-dokument, u ħeġġeġ suġġerimenti speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali fis-CITES.	+	
14.	<b>Għajxien</b> CoP19 Dok. 14		SC	Appoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet riveduti u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.37 u 18.36.	+	

15.	Mekkaniżmi parteċipattivi għall-komunitajiet rurali fis-CITES CoP19 Dok. 15	L-Eswatini, in-Namibja u ż-Zimbabwe	Opponi l-proposti bħala dokument awtonomu. Filwaqt li s-suġġett huwa importanti, diġà hemm żewġ proċessi separati taħt is-CITES li jiffukaw fuq l-IPLC (ara l-punti 13 u 14 tal-aġenda).  Sabiex ikunu aktar effiċjenti u konsistenti fir-rigward tal-involvement tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali kif ukoll rurali, il-proponenti għandhom jallinjaw il-proposta tagħhom mal-proċessi taħt il-punti 13 u 14 tal-aġenda, u għandhom jissottomettuha fil-grupp ta' ħidma rispettiv jew fiż-żewġ gruppi ta' ħidma, kif xieraq, għall-kunsiderazzjoni.	(-)
16.	<b>Bini tal-kapaċitajiet</b> CoP19 Dok. 16	SC	Appoġġa l-abbozz ta' riżoluzzjoni u s-sett ta' proposti biex titkompla l-ħidma fuq qafas integrat għall-bini tal-kapaċitajiet. Jistgħu jkunu meħtieġa xi kjarifiki żgħir b'mod partikolari biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 2b fl-abbozz ta' riżoluzzjoni. Appoġġa l-bidliet proposti mis-Segretarjat.	+
17.	Kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet u ftehimiet ambjentali multilaterali			
	17.1 Kooperazzjoni ma' konvenzjonijiet oħrajn marbuta mal-bijodiversità CoP19 Dok. 17.1	SC	Appoġġa, peress li s-sinerġiji fost l-MEAs tal-bijodiversità għandhom ikompli jissaħħu u jixraq li l-Kumitat Permanenti jirrieżamina regolarment il-kwistjonijiet. Aqbel mal-abbozzi ta' deċiżjonijiet riveduti u ġodda deskritti fl-Annessi tad-dokument u appoġġa l-ħidma lejn strateġija ta' sħubija.	+
	17.2 Kooperazzjoni mal-Istrateġija Globali għall-Konservazzjoni tal-Pjanti CoP19 Dok. 17.2	PC	Appoġġa abbozzi ta' Deċiżjonijiet ġodda, inkluż is-suġġeriment mis-Segretarjat biex il-Kumitat Permanenti jiġi inkluż fil-proċess.	+
	17.3 Kooperazzjoni mal-Politika Intergovernattiva tax-Xjenza Pjattaforma dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi CoP19 Dok. 17.3	SC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet li jinsabu fl-Anness I tad-dokument.	+

	17.4	Inizjattiva Konġunta dwar il-Karnivori tal-Afrika tas-CITES u s-CMS CoP19 Dok. 17.4	Seg.	Appoġġa dan l-abbozz tad-deċiżjoni biex tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti lill-Kumitat tal-Annimali u biex is-Segretarjat jingħata pariri xierqa dwar l-Inizjattiva dwar il-Karnivori tal-Afrika, kif issuġġerit mill-Kumitat tal-Annimali u minn diversi organizzazzjonijiet tal-osservaturi.	+
	17.5	Konsorzju Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità fil-Ħajja Selvaġġa CoP19 Dok. 17.5	Seg.	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjoni 18.3.	+
18.		Jum Dinji tal-Ispeċijiet Selvaġġi tan-Nazzjonijiet Uniti CoP19 Dok. 18	Seg.	Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjoni 18.38 dwar il-Jum Dinji tal-Ispeċijiet Selvaġġi kif ġiet implimentata.	+
19.		<b>CITES u l-foresti</b> CoP19 Dok. 19	Seg.	Appoġġa l-proposta; issuġġerixxi bidliet biex jittejbu s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' proċessi u strumenti internazzjonali oħra relatati mal-foresti. Issuġġerixxi li l-Kumitat tal-Pjanti jista' jiġi kkonsultat dwar it-termini ta' referenza tal-istudju (possibbilment permezz tal-President biex il-proċess isir aktar sempliċi).	(+)
20.		<b>Il-programm tal-ispeċijiet tas-siġar</b> CoP19 Dok. 20	Seg.	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet. L-UE tqis li l-programm iġib l-eżiti mistennija u thegħeġ lill-Partijiet kollha biex jibnu fuq ir-riżultati tal-Programm u biex jikkontribwixxu aktar għall-implimentazzjoni tas-CITES fir-rigward tal-ispeċijiet tas-siġar elenkati.	+
21.		<b>Rieżami tal-programm ETIS</b> CoP19 Dok. 21	SC	Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu appoġġati, inkluż il-bidliet editorjali ssuġġeriti mis-Segretarjat, ħlief il-bidla fid-data ta' sottomissjoni għad-data tal-ETIS, li tista' ddgħajef il-proċess minħabba l-intervall ta' żmien bejn id-data użata fl-analiżi u r-rappurtar lill-CoP. Għadaqstant opponi ż-żieda għall-Anness 1, it-taqsima 4, it-tieni paragrafu, iżda appoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-ICCWC u l-ETIS u l-kondiviżjoni tad-data mir-Rapporti Annwali dwar il-Kummerċ Illegali mal-ETIS.  Appoġġa s-suġġeriment mis-Segretarjat li jiġi adottat abbozz ta' deċiżjoni indirizzat lis-Segretarjat u lill-Kumitat Permanenti biex jiġu żviluppati kriterji ċari għall-kategorizzazzjoni tal-Partijiet.	(+)

22.	<b>Rieżami tal-programmi MIKE u ETIS</b> CoP19 Dok. 22		SC	Appoġġa l-proposta, inkluż it-test il-ġdid propost mis-Segretarjat għad-deċiżjoni 19.BB a), madankollu, għandu jiġi sottolinjat li għandha titqiegħed enfasi aktar qawwija fuq il-vijabbiltà finanzjarja fit-tul tal-MIKE u l-ETIS. L-UE hija miftuħa għall-proposta mis-Segretarjat biex tiġi inkorporata d-deċiżjoni 19.AA fid-deċiżjoni dwar il-Finanzjament u l-programm ta' ħidma bi stima tal-ispejjeż.	+
23.	Ir-rwol tas-CITES fit-tnaqqis tar-riskju li jfeġġ mard zoonotiku fil-futur assoċjat mal-kummerċ internazzjonali ta' organiżmi selvaġġi CoP19 Dok. 23				
	23.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 23.1	SC	Ilqa' l-ħidma li saret mill-grupp ta' ħidma intersessjonali. Appoġġa d-deċiżjonijiet u l-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.21 (Rev. CoP16) dwar it-trasport ta' eżemplari ħajjin.	+
	23.2	<b>Saħħa Waħda u CITES:</b> Ir-riskji għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali mill-kummerċ ta' organiżmi selvaġġi CoP19 Dok. 23.2	Il-Kosta tal-Avorju, il-Gabon, il-Gambja, il-Liberja, in-Niġerja u s-Senegal	Opponi l-elementi li jmorru lil hinn mis-CITES. Appoġġa xi wħud mill-elementi li jinsabu fl-abbozz ta' riżoluzzjoni, bħall-użu ta' definizzjonijiet internazzjonali u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika, u ssuġġerixxi l-integrazzjoni tagħhom fl-abbozz ta' deċiżjonijiet proposti fid-Dok. 23.1., mhux bħala parti mill-proċess lejn ir-Riżoluzzjoni, iżda bħala Deċiżjonijiet adottati fil-CoP19.	(-)
24.	L-implikazzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni CoP19 Dok. 24		Seg.	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet proposti mis-Segretarjat biex jiġi żgurat li l-laqgħat u l-ħidma intersessjonali tas-CITES ikunu jistgħu jsiru wkoll meta jkunu qegħdin jiġu ffaċċati kwistjonijiet operattivi eċċezzjonali.	+
25.	<b>Pjan ta' azzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-ġeneru</b> CoP19 Dok. 25		Il-Panama	Appoġġa l-esplorazzjoni u l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-ġeneru b'mod effettiv. Appoġġa r-riżoluzzjoni proposta, li madankollu teħtieġ aktar emendi. Issuġġerixxi li l-CoP jibda proċess intersessjonali biex jikkunsidra l-ħtieġa u l-kontenut tal-linji gwida għall-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Permanenti / CoP20.	(+)

<b>Kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u implimentazzjoni</b>				
<u>Riżoluzzjonijiet u Deċiżjonijiet Eżistenti</u>				
26.	Rieżami tar-Riżoluzzjonijiet CoP18 Dok. 26	Seg.	Appoġġa l-bidliet fir-Riżoluzzjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjoni 14.81 jekk il-bidla rilevanti għar-Riżoluzzjoni Konf. 14.8 (Rev. CoP17) tiġi adottata. Għandhom ikunu allinjati mal-emenda ssuġġerita fid-dokument 32.	+
27.	Rieżami tad-Deċiżjonijiet CoP19 Dok. 27		Appoġġa s-suġġerimenti mis-Segretarjat. Ippreferi li 18.55 ma titħassarx peress li l-implimentazzjoni għadha pendenti. Ikkunsidra jekk 18.193 ġietx implimentata sa meta jiltaqa' l-CoP.	+
<u>Konformità u infurzar ġenerali</u>				
28.	Ligġijiet nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni CoP19 Dok. 28	Seg.	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet li jinsabu fl-Anness 1 għad-dokument CoP19 Dok. 28, u pproponi li jiġi inkluż rappurtar possibbli għal-laqgħat regolari tal-Kumitat Permanenti fid-deċiżjoni 19.EEh). Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.62-18.67 u aqbel dwar il-baġit tentattiv kif previst fl-Anness 2.	+
29.	Kwistjonijiet ta' konformità tas-CITES			
29.1	L-implimentazzjoni tal-Artikolu XIII u tar-Riżoluzzjoni Konf. 14.3 (Rev. CoP18) dwar il-proċeduri ta' konformità tas-CITES CoP19 Dok. 29.1	Seg.	Hu nota tal-informazzjoni ppreżentata fid-dokument dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu XIII u r-Riżoluzzjoni Konf. 14.3. (Rev. CoP 18). Involvi ruħek fid-diskussjoni dwar ir-rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 42b) bil-ħsieb li tappoġġa l-proċedura mħaffa, jekk meħtieġ, u skont il-paragrafu 42c) bil-ħsieb ta' titjib possibbli fit-trattament ta' kwistjoni ta' konformità mill-Kumitat Permanenti, filwaqt li tqis mezzi oħra possibbli biex titnaqqas l-aġenda tal-Kumitat Permanenti.	0
29.2	Totoaba (Totoaba macdonaldi) CoP19 Dok. 29.2			

	29.2.1	Rapport tas-Segretarjat CoP19 Dok. 29.2.1	Seg.	Appoġġa l-adozzjoni ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet riveduti u ġodda (18.292 sa 18.295, u 19.CC u 19.DD) fl-Anness 3 għad-dokument CoP19 Dok. 29.2.1. Ħeġġeġ lill-Messiku jieħu miżuri effettivi biex jiproteġi l-vaquita. Id-dokumenti 29.2.1 u 29.2.2 huma simili ħafna u għandhom jiġu amalgamati f'wieħed, possibbilment bl-użu tar-rapport tas-Segretarjat bħala l-punt tat-tluq.	+
	29.2.2	Deċiżjonijiet imġedda u aġġornati għas-CoP19 CoP19 Dok. 29.2.2	L-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-kontenut tad-dokument, li madankollu jikkoinċidi mad-dokument 29.2.1 mis-Segretarjat. Iż-żewġ dokumenti għandhom jiġu amalgamati.	(+)
	29.3	Ebanu tal-Madagascar (Diospyros spp.) u palissandri u injam dagħmi (Dalbergia spp.) CoP19 Dok. 29.3	Seg. f'konsultazzjoni mal-President tal-Kumitat Permanenti	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet; b'mod partikolari, biex il-Madagascar jiżgura l-ħażniet kollha u biex il-Partijiet ma jaċċettawx esportazzjonijiet (mill-ġdid) għal skopijiet kummerċjali mill-Madagascar ta' eżemplari ta' Diospyros spp (#5) jew Dalbergia spp (#15) sakemm il-Madagascar ikun għamel Sejba ta' Akkwist Legali u Sejba ta' Nuqqas ta' Detriment għal dawn l-ispeċijiet fil-livell nazzjonali li jissodisfaw lis-Segretarjat.	+
30.		Programm ta' Assistenza dwar il-Konformità CoP19 Dok. 30	SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Assistenza dwar il-Konformità.	+
31.		Rieżamijiet tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti madwar il-pajjiżi kollha CoP19 Dok. 31	SC, jinkorpora l-abbozzi tad-deċiżjonijiet proposti mill-Presidenti tal-AC u tal-PC	Appoġġa, peress li hija meħtieġa evalwazzjoni ta' jekk il-kwistjonijiet identifikati fir-Rieżami tal-Kummerċ ta' Livell Sinifikanti madwar il-pajjiż kollu għall-Madagascar humiex indirizzati biżżejjed.	+
32.		Rieżami tar-Riżoluzzjoni Konf. 11.3 (Rev. CoP18) dwar il-Konformità u l-infurzar CoP19 Dok. 32	SC	Appoġġa l-adozzjoni tal-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.3 (REV. CoP18), soġġett għal bidliet editorjali minuri.	+

33.	Kwistjonijiet ta' infurzar CoP19 Dok. 33		Seg.	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tisħaq fuq l-importanza li jkompli jiġi promoss l-infurzar attiv tal-Konvenzjoni fil-livell nazzjonali u fil-livell internazzjonali li jiddependi fuq kolloxx mill-fatt li l-istituzzjonijiet tal-infurzar ikollhom biżżejjed kapaċità u mill-ispeċjalizzazzjoni tal-unitajiet tagħhom. Enfasizza wkoll l-importanza li jiġu indirizzati l-flussi finanzjarji li jirriżultaw mill-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi.	+
34.	<b>Rapporti annwali dwar il-kummerċ illegali</b> CoP19 Dok. 34		Seg.	Appoġġa l-emenda għar-Riżoluzzjoni Konf. 11.17 (REV. CoP18) it-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.75 u 18.76 dwar ir-Rapporti annwali dwar il-kummerċ illegali.  Ġeneralment appoġġa l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet 19.AA u 19.BB proposti b'xi kjarifiki u emendi.	+
35.	Task Force dwar il-kummerċ illegali ta' eżemplari ta' speċijiet ta' siġar elenkati mis-CITES CoP19 Dok. 35		SC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet: a) hu nota tad-dokument, inkluż l-emenda proposta għall-abbozz tad-deċiżjoni 19.CC dwar l-Identifikazzjoni tal-injam u ta' prodotti oħra tal-injam, kif ippreżentata mill-Kumitat tal-Pjanti fid-dokument CoP19 Dok 44.2; b) it-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.79 u 18.80 dwar l-infurzar.	+
36.	Appoġġ għall-infurzar kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika Ċentrali				
	36.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 36.1	SC	Id-dokumenti 36.1 u 36.2 għandhom jiġu amalgamati. Qbil ġenerali li huwa meħtieġ appoġġ għall-infurzar kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi. Madankollu, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' attivitajiet eżistenti u minħabba li l-istabbiliment ta' fond jidher li huwa proċess twil li jkun jeħtieġ riżorsi finanzjarji u umani sostanzjali, għalhekk appoġġa r-rakkomandazzjonijiet mis-Segretarjat ipprovduti taħt id-dokument 36.1. Ħeġġeġ lill-Partijiet l-oħra, lill-organizzazzjonijiet governattivi, intergovernattivi u mhux governattivi u lill-partijiet ikkonċernati interessati biex jipprovdur appoġġ lil dawn is-subreġjuni.	(+)



	36.2	Il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi u l-appoġġ tas-CITES għall-infurzar fil-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali CoP19 Dok. 36.2	Il-Kosta tal-Avorju, il-Gambja, il-Liberja, in-Niġerja u s-Senegal	Ġiet proposta l-amalgamazzjoni tad-dokumenti 36.1 u 36.2., il-kummenti pprovduti f'36.1.	(-)
37.		Il-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi b'rabta mal-Internet CoP19 Dok. 37	Seg.	Appoġġa l-bidliet fir-Riżoluzzjoni Konf. 11.3 (Rev. CoP18) u l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet. Issuġġerixxi li flimkien mal-aħjar prattiki, għandhom jiġu identifikati wkoll "liġijiet nazzjonali" implimentati mill-Partijiet (minbarra d-Deċiżjoni 19.AA proposta). Għandhom ikunu allinjati mal-emenda ssuġġerita fid-dokument 32.	+
38.		Tnaqqis fid-domanda biex jiġi miġġieled il-kummerċ illegali CoP19 Dok. 38	SC	Appoġġa l-adozzjoni tal-gwida fil-CoP19. Appoġġa wkoll l-adozzjoni ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet u emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.4 biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-gwida għall-Partijiet fil-lingwi kollha tas-CITES u biex il-Partijiet jiġu mħeġġa jużawha.	+
39.		Swieq domestiċi għall-eżemplari li spiss isir kummerċ illegali tagħhom CoP19 Dok. 39	SC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet. Għandhom ikunu allinjati mal-emenda ssuġġerita fid-dokument 32.	+
<u>Regolament dwar il-kummerċ</u>					
40.		Gwida biex isiru sejbiet ta' akkwist legali CoP19 Dok. 40	SC	Ċerti elementi tal-"Gwida Rapida biex isiru Sejbiet ta' Akkwist Legali" u tad-Deċiżjoni 19.BB a)", jeħtieġu kjarifika. Il-pożizzjoni tal-UE ser tiġi żviluppata ulterjorment ladarba jsir disponibbli d-dokument aġġornat mis-Segretarjat li jirrifletti l-eżiti tal-workshop dwar l-Akkwist Legali (Awwissu 2022).	(+)

41.	Is-sistemi elettroniċi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-Awtentikazzjoni u l-kontroll tal-permessi CoP19 Dok. 41		SC	Appoġġa l-konklużjoni tal-istudju dwar l-awtentikazzjoni u l-kontroll tal-permessi. Appoġġa l-emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 12.3 (Rev. CoP18) dwar il-permessi u ċ-ċertifikati kif emendata mis-Segretarjat tas-CITES bis-suġġeriment li jiġu kkunsidrati aktar is-sistemi organizzati fuq arkitettura ta' hub. Appoġġa l-emendi proposti għar-riżoluzzjoni Konf.11.3 (Rev. COP18) dwar il-konformità u l-infurzar b'mod partikolari biex id-dwana tkun tista' taċċessa informazzjoni fil-bażijiet tad-data tal-permessi tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni. Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni u l-analiżi tar-riskju u l-abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar is-sistemi elettroniċi u t-teknoloġija tal-informazzjoni.	+
42.	Kodiċijiet tal-iskopijiet fuq il-permessi u ċ-ċertifikati tas-CITES CoP19 Dok. 42		SC	Aqbel mal-emendi ssuġġeriti għar-riżoluzzjonijiet rilevanti u appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet proposti biex jiġi stabbilit mill-ġdid grupp ta' ħidma intersessjonali konġunt ħalli jiġi rieżaminat aktar l-użu ta' kodiċijiet tal-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet mill-Partijiet u biex jitkomplew fost l-oħrajn id-diskussjonijiet dwar il-kodiċijiet tal-iskopijiet P u T.	+
43.	Sejbiet mhux ta' detriment				
	43.1	Rapport tal-Kumitati tal-Annimali u l-Pjanti CoP19 Dok. 43.1	AC, PC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet miftiehma fl-AC31 u l-PC25.	+
	43.2	Is-sejbiet mhux ta' detriment għall-eżemplari tal-ispeċijiet tal-Appendiċi II meħuda fl-ambjent tal-baħar mhux taħt il-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat CoP19 Dok. 43.2	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet, peress li dawn jallinjaw mal-inizjattiva li għaddeja biex jissaħħu s-sinerġiji bejn is-CITES u s-sajd bil-għan li tittejjeb il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar u r-raj elenkati fis-CITES u mhedda.	+
44.	Materjali ta' identifikazzjoni				
	44.1	Rieżami tar-Riżoluzzjoni Konf. 11.19 (Rev. CoP16) CoP19 Dok. 44.1	SC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet.	+

	44.2	L-identifikazzjoni ta' njam u prodotti oħra tal-injam CoP19 Dok. 44.2	PC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet peress li matul is-snin inġabret ħafna informazzjoni u jkun utli li tinġabar f'post wieħed.	+
45.		Sistema ta' tikkettar għall-kummerċ tal-kavjar CoP19 Dok. 45	SC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet proposti u t-tħassir tad-Deċiżjoni 18.146.  Issuġġerixxi li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma intersessjonali tal-Kumitat Permanenti li jista' jibda l-ħidma tiegħu ladarba jkunu disponibbli l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarjat.	+
46.		Kummerċ tal-qroll ġebli CoP19 Dok. 46	L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	Dokument ippreżentat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.	+
47.		Eżemplari prodotti permezz tal-bijoteknoloġija CoP19 Dok. 47	SC, Seg.	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet, il-laqgħa speċjalizzata għandha tkun bażi għall-iżvilupp ta' ċarezza dwar id-definizzjonijiet u l-kwistjonijiet ta' konservazzjoni li jistgħu jintużaw mill-Grupp ta' Ħidma aktar tard. Il-laqgħa għandha sservi bħala bażi għall-grupp ta' ħidma u għalhekk għandha ssir minn qabel.	+
48.		Definizzjoni tat-terminu "destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli" CoP19 Dok. 48	SC	Appoġġa l-approvazzjoni taż-żewġ dokumenti ta' gwida mhux vinkolanti.  Appoġġa l-abbozz ta' deċiżjoni fl-Anness 3, inkluż l-emendi mis-Segretarjat tas-CITES.	+
49.		<b>Introduzzjoni mill-baħar</b> CoP19 Dok. 49	SC	Appoġġa d-deċiżjonijiet proposti.  Esprimi t-tħassib serju tal-UE + l-Istati Membri dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-CITES dwar l-IFS u kummerċ ieħor minn żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES.  L-UE + l-Istati Membri jenfasizzaw li għal implimentazzjoni ta' suċċess tad-dispożizzjonijiet tas-CITES għall-ispeċijiet tal-baħar, il-kooperazzjoni effettiva bejn is-CITES u l-awtoritajiet tas-sajd hija essenzjali.	+

50.	Rimi ta' eżemplari kkonfiskati CoP19 Dok. 50	SC	Appoġġa l-abbozz propost tad-deċiżjonijiet tal-CoP19 kif irrakkomandat mill-SC74 u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.159 sa 18.164.	+
51.	Kwoti għat-trofej tal-kaċċa tal-leopardi (Panthera pardus) CoP19 Dok. 51	SC	Appoġġa l-emendar tal-paragrafu 1a) tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.14 (Rev. CoP16). Ipproponi emenda tad-deċiżjonijiet proposti mis-Segretarjat biex jiġi żgurati li l-kwoti tal-esportazzjoni (inkluż il-kwoti tal-kaċċa) jiġu riveduti fuq bażi regolari.	(+)
52.	<b>Trasport ta' eżemplari ħajjin:</b> it-titjib tal-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar it-trasport CoP19 Dok. 52	Il-Kanada, il-Kosta tal-Avorju, il-Kenja, il-Messiku, in-Niġerja, is-Senegal u l-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa d-deċiżjonijiet proposti u l-bidliet fir-riżoluzzjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għar-Regolamenti tal-IATA. Kjarifika tal-iskop tal-ewwel bidla (minuri) fir-Riżoluzzjoni Konf. 10.21 (inklużjoni ta' "irrispettivament mill-metodu ta' trasport") u għandu jitqies l-impatt possibbli dwar il-linji gwida għat-trasport mhux tal-ajru. Uri disponibbiltà biex tiddiskuti suġġerimenti mill-Partijiet jew mill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tittejjeb il-fattibbiltà tal-bidliet proposti mingħajr ma titnaqqas l-ambizzjoni tal-proposta.	+
<u>Eżenzjonijiet u dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kummerċ</u>				
53.	Rieżami tad-dispożizzjonijiet tas-CITES relatati mal-kummerċ <b>ta' eżemplari tal-animali u tal-pjanti mhux ta' oriġini selvaġġa</b> CoP19 Dok. 53	SC	Appoġġa l-kontinwazzjoni tal-grupp ta' ħidma intersessjonali minħabba li l-kwistjonijiet indirizzati huma kumplessi u ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jiġu diskussi l-punti kollha fil-mandat. Huwa meħtieġ titjib importanti għat-test, b'mod partikolari tal-Anness I, biex it-test isir aktar ċar u aktar iffukat, kif ukoll biex jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem mis-Segretarjat tas-CITES. F'konformità mal-pożizzjoni tas-Segretarjat, tkellem favur il-posponiment tal-adozzjoni tal-emendi għar-Riżoluzzjoni 10.16 għall-CoP20, iżda kun disponibbli għall-adozzjoni fil-CoP19 jekk jintlaħaq qbil dwar titjib sostantiv.	(-)
54.	Rieżami tad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni Konf. 17.7 <b>dwar ir-Rieżami tal-kummerċ ta' eżemplari tal-animali rrapportati bħala mrobbija fil-magħluq</b> CoP19 Dok. 54	Seg. fisem l-SC u f'konsultazzjoni mal-President tal-AC.	Appoġġ ġenerali iżda ċerti bidliet huma meħtieġa fil-formulazzjoni tal-emendi tar-Riżoluzzjoni fl-Anness 1 u fl-abbozzi tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari biex jirriflettu l-eżitu ta' SC75 (13/11/2022) u ta' workshop li sar f'Ġunju 2022. Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet fl-Anness 2.	(+)

55.	Reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet li jnisslu <b>Appendiċi-I speċijiet ta' animali miżmuma fil-magħluq għal skopijiet kummerċjali</b> CoP19 Dok. 55	L-Istati Uniti tal-Amerka	Opponi xi partijiet mir-raġunament ippreżentat fid-dokument u opponi bil-qawwa xi wħud mill-bidliet proposti. Appoġġa b'mod ġenerali l-idea li l-komoditajiet li huma indikati fir-reġistrazzjoni jsiru pubbliċi fuq is-sit web tas-CITES. Opponi l-proposta li komoditajiet addizzjonali jeħtieġu reġistrazzjoni ġdida. Kun disponibbli għal approċċ ta' esklużjoni, jiġifieri estensjoni tal-proċess ta' reġistrazzjoni għal komoditajiet li kienu espliċitament esklużi fir-reġistrazzjoni. B'dawn l-emendi, il-proposta tista' tiġi aċċettata.	(-)
56.	Gwida dwar it-terminu "propagati artifiċjalment" CoP19 Dok. 56	PC	Appoġġa l-adozzjoni tal-Abbozzi ta' Deċiżjonijiet fl-Anness 1. Peress li kwistjonijiet dwar l-injam tal-agar, l-użu tal-kodiċi tas-sors Y, u kwistjonijiet oħra baqgħu miftuħa fil-proċess ta' abbozzar tal-Gwida preliminari, opponi kwalunkwe bidla possibbli tal-mandat għar-reviżjoni tal-gwida li eventwalment tista' twassal għal dgħufija tal-istandards attwali rigward il-kodiċi tas-sors "A", "Y" u d-definizzjoni ta' pjantaġġuni.	+
57.	Eżemplari mkabbra minn żrieragħ jew spori miġbura mis-selvaġġ li jitqiesu li huma propagati artifiċjalment CoP19 Dok. 57	PC f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.179 - 18.181 hekk kif jitlestha x-xogħol.	+

#### **Kwistjonijiet speċifiċi skont l-ispeċijiet**

58.	Avultuni tal-Afrika tal-Punent (Accipitridae spp.) CoP19 Dok. 58	SC f'konsultazzjoni mas-Seg.	Aqbel li jiġu adottati l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet 19.AA sa 19.FF li jissostitwixxu d-Deċiżjonijiet 18.186 sa 18.192.	+
59.	Kummerċ illegali fiċ-ċiti (Acinonyx jubatus) CoP19 Dok. 59	L-Etjopja	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet peress li l-kummerċ illegali huwa theddida urġenti. Irrakkomanda li s-sottospeċi tal-Majjistral tal-Afrika u dik Iranjana tiġi inkluża fil-kunsiderazzjonijiet kollha dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali, sal-punt rilevanti, u li jinholq mekkaniżmu biex jinforma u jsaħħaħ il-ħidma tat-Taskforce dwar il-Qtates il-Kbar. Barra minn hekk, SC78 u mhux SC77 għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-CoP20.	(+)

60.	Konservazzjoni tal-amfibji (Amphibia spp.) CoP19 Dok. 60		AC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet peress li ma ngābritx biżżejjed data dwar l-ispeċijiet amfibji fil-kummerċ internazzjonali.	+
61.	Sallura (Anguilla spp.) CoP19 Dok. 61		SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti biex jiġu adottati l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 19.AA sa 19. DD ippreżentati fl-Anness 1.	+
62.	Tassonomija li tipproduċi l-injam tal-agar (Aquilaria spp. u Gyrinops spp.)				
	62.1	Rapport tal-Kumitat tal-Pjanti CoP19 Dok. 62.1	PC	Appoġġa l-abbozz tad-Deċiżjoni biss fil-verżjoni emendata biss mis-Segretarjat. Enfasizza l-ħtieġa li informazzjoni ġdida mid-Dok. 62.2, ir-riċerka proposta fih, u tad-Dokument ta' Informazzjoni CoP19 Inf. 5 jitqiesu meta ir-Riżoluzzjoni 16.10 u Riżoluzzjonijiet oħra jiġu riveduti. Madankollu, agħmilha ċara li r-Riż. 10.13 dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-ispeċijiet ta' siġar u Riżoluzzjonijiet potenzjali oħra ma għandhomx jiddgħajfu fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-propagazzjoni artifiċjali.	(+)
	62.2	L-istorja u l-isfidi tal-injam tal-agar u s-CITES CoP19 Dok. 62.2	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.	Appoġġa, jew faħħar l-utilità tal-informazzjoni kkompilata. Itlob li r-riżultati potenzjali tar-riċerka proposta għandhom jitqiesu għal kwalunkwe reviżjoni tar-Riżoluzzjoni 16.10 skont l-Abbozz ta' Deċiżjoni fid-Dok. 62.1.	(+)
63.	Siġar tal-Boswellia (Boswellia spp.) CoP19 Dok. 63		PC	Appoġġa. L-Abbozzi tad-Deċiżjonijiet jipprovdu perkors raġonevoli 'l quddiem biex jingħalqu l-lakuni fl-għarfien u għal proposti potenzjali ta' elenkar fil-futur mill-partijiet.	+

64.	Fkieren tal-baħar (Cheloniidae spp. u Dermochelyidae spp.)				
64.1	Rapport tas-Segretarjat u tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 64.1	SC, Seg.	Appoġġa l-proposta l-ġdida tas-Segretarjat biex jiġu inklużi ċerti abbozzi ta' deċiżjonijiet friżoluzzjoni ġdida dwar il-fkieren tal-baħar kif propost fid-dokument 64.2 u t-tiġdid tad-deċiżjoni 18.217 (Rev. CoP19). Żewġ speċijiet ta' fkieren tal-baħar jinsabu f'periklu kritiku, waħda hija fil-periklu, u l-valutazzjonijiet kollha tal-IUCN ibassru xejra negattiva għall-popolazzjoni. Huma meħtieġa sforzi akbar biex jiġu evitati aktar tnaqqis u estinzjoni. Appoġġa l-amalgamazzjoni mad-dokument 64.2.	(+)	
64.2	Il-konservazzjoni tal-fkieren tal-baħar CoP19 Dok. 64.2	Il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, il-Perù u l-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa r-riżoluzzjoni l-ġdida b'emendi proposti mis-Segretarjat. Appoġġa l-amalgamazzjoni mad-dokument 64.1.	(+)	
65.	Klieb il-baħar u raj (Elasmobranchii spp.) CoP19 Dok. 65		SC, AC, f'konsultazzjoni mas-Seg. u mal-AC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti u tal-Kumitat tal-Annimali biex jiġu adottati l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 19.AA sa 19.FF li jinsabu fl-Anness 4 tad-dokument. Il-finanzjament fit-tul huwa essenzjali biex jipprovidi l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-elenkar ta' speċijiet tal-baħar, u għalhekk l-azzjoni fid-Deċiżjoni 19.BB ma għandhiex tkun soġġetta għad-disponibbiltà ta' finanzjament estern.	+
66.	Iljunfanti (Elephantidae spp.)				
66.1	Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar il-Kummerċ ta' eżemplari tal-iljunfanti CoP19 Dok. 66.1	Seg. fuq talba tal-SC	Appoġġa s-sett ta' deċiżjonijiet fl-Anness 1 marbuta mal-għeluq tas-swieq domestiċi tal-avorju. Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet fl-Anness 2 marbuta mal-kummerċ fl-avorju tal-mammiferi, inkluż il-bidla kif issuġġerit mis-Segretarjat tas-CITES. Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet fl-Anness 3 dwar il-kummerċ tal-iljunfanti Asjatiċi. Appoġġa l-abbozzi ta' deċiżjonijiet fl-Anness 4 relatati mal-gwida Prattika dwar il-ħażniet tal-avorju.	+	

	66.2	<b>Ħażniet tal-avorju</b>				
	66.2.1	Ħażniet tal-avorju: implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar il-Kummerċ ta' eżemplari tal-iljunfanti CoP19 Dok. 66.2.1	Il-Benin, il-Burkina Faso, il-Guinea Ekwatorjali, l-Etjopja, il-Gabon, il-Kenja,  il-Liberja, in-Niġer, is-Senegal u t-Togo	Irrikonoxxi l-ħtieġa għal rappurtar xieraq iżda kkondividi l-opinjoni tas-Segretarjat li r-rappurtar dwar il-ħażniet tal-avorju u l-għoti ta' appoġġ tekniku relatat mal-ġestjoni tal-ħażniet kif jinsab fil-paragrafu 7 e) u l-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar il-Kummerċ ta' eżemplari tal-iljunfanti huma adegwati, jekk il-Partijiet jimplimentawhom kif suppost, u li abbozzi ta' deċiżjonijiet ġodda ssuġġeriti li jinsabu fl-Anness 4 tad-Dok. 66.1 tal-CoP19 huma biżżejjed.  Opponi l-abbozz ġdid ta' deċiżjoni 19AA u BB kif propost, iżda appoġġa s-sett emendat ta' deċiżjonijiet proposti mis-Segretarjat.	(-)	
	66.2.2	L-istabbiliment ta' fond aċċessibbli għall-Istati tal-medda mad-disponiment mhux kummerċjali tal-ħażniet tal-avorju CoP19 Dok. 66.2.2	Il-Kenja	L-UE ġeneralment tappoġġa r-rimi mhux kummerċjali tal-avorju, iżda tqis li huwa d-dritt sovrani ta' kull Parti li tiddeċiedi kif tiġġestixxi l-ħażniet tagħha, sakemm dawn ikunu ġestiti kif suppost. Hemm dubju dwar jekk huwiex meħtieġ proċess istituzzjonalizzat ta' finanzjament li jappoġġa wieħed mill-metodi ta' disponiment għal tip wieħed biss ta' eżemplari maqbuda. Opponi l-proposta kif inhi; approċċ konġunt mill-Istati kollha taż-żoni tad-distribuzzjoni tal-iljunfanti Afrikani jkun aktar xieraq.	(-)	
	66.3	Implimentazzjoni ta' aspetti tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar l-għeluq tas-swieq domestiċi tal-avorju CoP19 Dok. 66.3	Il-Benin, il-Burkina Faso, il-Guinea Ekwatorjali, l-Etjopja, il-Gabon, il-Liberja,  in-Niġer, is-Senegal u t-Togo	L-UE tappoġġa l-abbozz ta' deċiżjoni 19.AA, iżda tiddubita l-ħtieġa tal-bidliet introdotti fl-abbozz ta' deċiżjoni 19.BB u 19.CC, peress li mhuwiex ċar x'tip ieħor ta' informazzjoni disponibbli rilevanti qed issir referenza għaliha. Nistgħu nappoġġaw id-deċiżjoni 19.dd kif riveduta mis-Segretarjat.	(-)	



	66.4	Kummerċ ta' ljunfanti Afrikani ħajjin				
	66.4.1	Kummerċ internazzjonali ta' eżemplari ta' ljunfanti Afrikani ħajjin: Reviżjoni proposta għar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP18) dwar il-Kummerċ ta' eżemplari tal-iljunfanti CoP19 Dok. 66.4.1	Il-Benin, il-Burkina Faso, il-Guinea Ekwatorjali, l-Etjopja, il-Gabon, il-Liberja, in-Niġer, is-Senegal u t-Togo	L-għan ta' dan id-dokument jikkorrispondi mal-obnettiv kondiviż mill-UE (ara d-dok. 66.4.2) li huwa li l-kummerċ ta' ljunfanti ħajjin jiġi ristrett għal programmi ta' konservazzjoni in situ bi ftit eċċezzjonijiet biss. Kun lest li tiddiskuti mal-proponenti dwar it-triq 'il quddiem biex jintlaħaq l-obnettiv. Madankollu, opponi diversi elementi tal-proposta: hemm bżonn li tinstab soluzzjoni usa' dwar dawn l-elementi differenti (interpretazzjoni tal-annotazzjoni 2, regoli speċifiċi relatati mal-kummerċ ta' ljunfanti Afrikani ħajjin li jqisu t-trasferimenti ex situ eċċezzjonali kif ukoll il-gwida mhux vinkolanti dwar "akkomodazzjoni u kura" kif ukoll "benefiċċji ta' konservazzjoni in situ").	(-)	
	66.4.2	Kjarifika tal-qafas: Proposta tal-Unjoni Ewropea. CoP19 Dok. 66.4.2	L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	Dokument ippreżentat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.	+	
	66.5	Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Qtil Illegali tal-Iljunfanti (MIKE) CoP19 Dok. 66.5	Seg.	Hu nota tar-rapport.		
	66.6	Rapport dwar is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Kummerċ tal-Iljunfanti (ETIS) CoP19 Dok. 66.6	Seg.	Hu nota tar-rapport.		
	66.7	Rieżami tal-proċess tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Avorju CoP19 Dok. 66.7	Il-Malawi, is-Senegal u l-Istati Uniti tal-Amerka	L-UE għandha tappoġġa l-proċess ta' rieżami dment li jkun iffukat fuq il-kwistjonijiet speċifiċi li ġew identifikati fid-dokument, mhux neċessarjament fuq il-proċess sħiħ, u mingħajr ma potenzjalment jiddgħajef il-proċess.	(+)	
67.		It-Task Force tal-Qtates il-Kbar tas-CITES (Felidae spp.) CoP19 Dok. 67	SC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet proposti dwar it-termini ta' referenza u l-modus operandi riveduti għat-Task Force tal-Qtates il-Kbar tas-CITES kif maqbul fl-SC74, anki jekk ċerti modifiki jafu jeħtieġu li jkunu konformi mad-Dok. 59 u 73.2, u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.245 u 18.248	+	

68.	Qtates kbar Ażjatiċi (Felidae spp.) CoP19 Dok. 68		Seg. f'konsultazzjoni mal-President tal-Kumitat Permanenti	Appoġġ ġenerali għad-dokument. Ser jiġi ssuġġerit titjib tad-Deċiżjoni 19.AA biex jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar proġetti ta' riċerka forensika, inkluż metodi ġenetiċi u metodi oħra.	+
69.	Żwiemel il-baħar (Hippocampus spp.)				
	69.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 69.1	SC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti li jiġu adottati l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 19.AA sa 19.CC li jinsabu fl-Anness 1 tad-dokument. Appoġġa b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' workshop ta' esperti biex jiddiskutu l-implimentazzjoni u l-infurzar tas-CITES għall-kummerċ f'Hippocampus spp.	+
	69.2	Il-passi li jmiss lejn l-implimentazzjoni b'suċċess tal-elenkar taż-żwiemel il-baħar fl-Appendiċi-II CoP19 Dok. 69.2	Il-Maldivi, Monaco, in-Niġerja, il-Perù, is-Senegal, is-Sri Lanka, it-Togo, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Istati Uniti tal-Amerka	Issuġġerixxi lill-proponenti jikkunsidraw li jgħaqqdu d-dokument ma' 69.1. peress li ż-żewġ dokumenti għandhom objettivi simili. Punti importanti li għandhom jinżammu huma l-inklużjoni taż-żwiemel tal-baħar fil-workshop propost tal-NDF (69.2) u l-organizzazzjoni ta' workshop ta' esperti biex jiddiskutu l-implimentazzjoni u l-infurzar tas-CITES għall-kummerċ f' Hippocampus spp. (69.1).	(+)
70.	Speċijiet tal-injam dagħmi [Leguminosae (Fabaceae)] CoP19 Dok. 70		PC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet kif maqbula mill-Kumitat tal-Pjanti dwar l-Ispeċijiet tas-Siġra tal-injam dagħmi.	+
71.	Pangolins (Manis spp.)				
	71.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti u l-Kumitat tal-Animali CoP19 Dok. 71.1	SC f'konsultazzjoni mal-President tal-AC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet, madankollu jistgħu jiddiedu l-punti addizzjonali mqajma fid-dok. 71.2.	+

	71.2	Emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 17.10 CoP19 Dok. 71.2	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Appoġġa l-emendi proposti peress li hija meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġi evitat il-kummerċ illegali tal-pangolini. Appoġġa t-test konsolidat tal-71.1 u l-71.2 kif propost mis-Segretarjat.	+
72.		Iljuni Afrikani ( <i>Panthera leo</i> ) CoP19 Doc. 72	Seg. f'konsultazzjoni mal-President tal-SC	Appoġġa s-suġġeriment tal-AC, għal aktar ħidma intersessjonali dwar l-iljuni Afrikani ( <i>Panthera leo</i> ) u l-adozzjoni tad-Deċiżjoni l-għdida.	+
73.		Ġagwars ( <i>Panthera onca</i> )			
	73.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 73.1	SC	Appoġġa t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.251 u 18.253 kif rakkomandat mis-Segretarjat u l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet dwar il-ġagwars fl-Anness 1 ta' dan id-dokument.	+
	73.2	Emendi proposti għall-abbozzi tad-deċiżjonijiet dwar il-ġagwars maqbula fl-SC74 CoP19 Dok. 73.2	Il-Costa Rica, El Salvador, il-Messiku u l-Perù	Fil-prinċipju appoġġa l-Abbozz ta' deċiżjonijiet jekk 19.DD b) (talbiet għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal Riżoluzzjoni speċifika dwar il-ġagwars, li ma kinux appoġġati mill-UE fil-CoP18) titħassar. Oħloq mekkaniżmu bl-għan li jinforma u jsaħħaħ il-ħidma tat-Taskforce dwar il-Qtates il-Kbar.	(+)
74.		Il-ġestjoni tal-kummerċ u l-konservazzjoni tal-Għasafar tal-għana ( <i>Passeriformes spp.</i> ) CoP19 Dok. 74	AC	Appoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Annimali biex jiġġeddu d-Deċiżjonijiet 18.256 sa 18.259 dwar il-ġestjoni tal-kummerċ u l-konservazzjoni tal-Għasafar tal-għana ( <i>Passeriformes spp.</i> ) hekk kif il-finanzjament isir disponibbli.	+
75.		Rinoċeronti ( <i>Rhinocerotidae spp.</i> ) CoP19 Dok. 75	SC, Seg.	Appoġġa d-dokument imħejji mill-Kumitat Permanenti u s-Segretarjat u l-bidliet għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.14 (CoP17), kif ukoll is-sett ta' deċiżjonijiet fl-Anness 3. Ikkunsidra jekk xi elementi tad-Deċiżjoni 18.110 indirizzati lill-Partijiet u proposti għat-tħassir għandhomx jinżammu fir-Riżoluzzjoni 9.14 (CoP17) jew fid-deċiżjonijiet.	+

76.	Antilop Saiga (Saiga spp.) CoP19 Dok. 76	SC.	Appoġġa d-deċiżjonijiet proposti mill-AC kif emendati mis-Segretarjat.	+
77.	Bronja reġina (Strombus gigas) CoP19 Dok. 77	Seg.	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet 19.AA sa 19.DD fl-Anness 1 ta' dan id-dokument u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.275 sa 18.280, minbarra d-Deċiżjoni 18.278b, li għandha tinżamm.	(+)
78.	Fkieren tal-art u fkieren tal-ilma ħelu (Testudines spp.) CoP19 Dok. 78	Seg.	Aqbel li d-Deċiżjonijiet 18.286 sa 18.291 ġew implimentati u jstgħu jitħassru. Ipproponi Deċiżjoni ta' segwitu li titlob lill-Madagascar jippreżenta strateġija komprensiva ta' konservazzjoni għall-ispeċi ta' fkieren mhedda tiegħu.	+
79.	<b>Speċijiet ta' siġar Afrikani</b> CoP19 Dok. 79	PC	Appoġġa. L-aġġornament tal-lista tal-ispeċijiet ta' siġar Afrikani u tal-proċessi tas-CITES relatati li jinsabu fl-Anness tad-dokument PC25 Dok. 28 huwa pass meħtieġ.	+
80.	<b>Ħut ornamentali tal-baħar</b> CoP19 Dok. 80	AC	Appoġġa l-adozzjoni tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet 19.AA sa 19.BB fl-Anness 1 ta' dan id-dokument u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.263 sa 18.265.	+
81.	<b>Speċijiet ta' siġar neotropikali</b> CoP19 Dok. 81	PC	Appoġġa. L-aġġornament tal-lista tal-ispeċi ta' siġar neotropikali u tal-proċessi tas-CITES relatati inklużi fl-Anness tad-dokument PC25 Dok. 29 huwa pass neċessarju.	+
82.	Il-kummerċ ta' speċijiet ta' pjanti mediċinali u aromatiċi CoP19 Dok. 82	PC	Appoġġa, però itlob li kwalunkwe Riżoluzzjoni ġdida potenzjali ma għandhiex tkun limitata għall-prodotti mediċinali, iżda għandha tinkorpora t-tipi kollha ta' prodotti li fihom eżemplari ta' speċijiet ta' pjanti mediċinali u aromatiċi.	+

83.	Identifikazzjoni tal-ispeċijiet friskju ta' estinzjoni għall-Partijiet tas-CITES CoP19 Dok. 83		Il-Gambja, il-Liberja, in-Niġer, in-Niġerja u s-Senegal	Opponi l-abbozz ta' Riżoluzzjoni li tistabbilixxi bażi ta' data ġdida, peress li l-Lista l-Ħamra eżistenti tal-IUCN hija bażi suffiċjenti għall-valutazzjoni. Opponi wkoll l-abbozz ta' Deċiżjonijiet fl-Anness 2 fil-forma attwali; madankollu, irrikonoxxi l-ħtieġa ta' xi stati tal-medda għal għajjnuna teknika fl-elaborazzjoni ta' proposti għall-elenkar ta' speċijiet mhedda mill-kummerċ internazzjonali li għadhom mhumiex elenkati fl-Appendiċijiet tas-CITES.	-
<b>Manutenzjoni tal-Appendiċijiet</b>					
84.	Nomenklatura standard				
84.1	Rapport tal-Kumitati tal-Annimali u l-Pjanti CoP19 Dok. 84.1	Kumitat tal-Annimali, Kumitat tal-Pjanti, imħejjija mill-ispeċjalisti tagħhom dwar in-nomenklatura	Appoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet proposti u t-tiġdid tad-Deċiżjonijiet mill-CoP18 kif deskritti fid-Dok. 84.1 u appoġġa l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni Konf. riveduta. 12.11 (Rev. CoP18) riveduta fir-rigward kemm tal-Flora kif ukoll tal-Fawna.	+	
84.2	Nomenklatura standard għal Dipteryx spp. CoP19 Dok. 84.2	L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	Dokument ippreżentat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.	+	
84.3	Nomenklatura standard għal Khaya spp. CoP19 Dok. 84.3	L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	Dokument ippreżentat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.	+	
84.4	Nomenklatura standard għal Rhodiola spp. CoP19 Dok. 84.4	L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	Dokument ippreżentat mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.	+	
85.	<b>Annotazzjonijiet</b>				
85.1	Rapport tal-Kumitat Permanenti CoP19 Dok. 85.1	SC	Appoġġa d-dokument li ġie ppreżentat mill-SC, u appoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-Grupp ta' Ħidma.	+	

	85.2	Sistema ta' informazzjoni għall-kummerċ eżemplari ta' speċijiet tas-siġar elenkati mis-CITES CoP19 Dok. 85.2	SC, Seg.	Appoġġa, peress li huwa importanti li tiġi identifikata l-ħidma eżistenti u li jinbena fuqha, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ħidma tal-ITTO.	+
	85.3	Mekkaniżmu informali ta' rieżami tal-annotazzjonijiet eżistenti u proposti CoP19 Dok. 85.3	President tal-SC f'konsultazzjoni mas-Seg.	Appoġġa d-deċiżjoni proposta relatata mal-mekkaniżmu informali ta' rieżami għall-annotazzjonijiet eżistenti u proposti.	+
86.		Prodotti li fihom eżemplari tal-orkidei tal-Appendiċi-II CoP19 Dok. 86	SC	Appoġġa l-abbozzi tad-deċiżjonijiet u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 18.327 sa 18.330.	+
87.		Emendi għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17)			
	87.1	Emendi proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17) CoP19 Dok. 87.1	Il-Botswana, il-Kambodja, l-Eswatini, in-Namibja, iż-Zimbabwe	Opponi l-ftuħ mill-ġdid tar-Riżoluzzjoni 9.24. Kun lest għad-diskussjoni ta' ċerti elementi tal-proposta barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 9.24. 9.24.	-
	87.2	Speċijiet akkwatiċi elenkati fl-Appendiċijiet tas-CITES: proposti għal approċċ ġdid għall-elenkar tal-klieb il-baħar u r-raji CoP19 Dok. 87.2	is-Senegal	In-nota fqiegħ il-paġna dwar "Applikazzjoni tad-definizzjoni tat-tnaqqis għal speċijiet akkwatiċi sfruttati kummerċjalment" li tinsab fl-Anness 5 għar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (rev CoP17) jirreferi għal "speċijiet akkwatiċi sfruttati kummerċjalment", li hija espressjoni mhux ċara li twassal għal nuqqas ta' fehim. L-UE taqbel li hemm hteġġa għal revizzjoni tan-nota fqiegħ il-paġna u tista' tappoġġa l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma waqt is-sessjoni, jew proċess intersessjonali biex tiġi diskussa l-aħjar triq 'il quddiem għat-taxa akkwatiċi kollha b'rati ta' tkabbir bil-mod u output riproduttiv baxx (mhux biss għall-klieb il-baħar u r-raji).	(+)

88.	Riżervi ppreżentati wara t-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet CoP19 Dok. 88	Seg.	<p>Appoġġa l-proposti tas-Segretarjat rigward paragrafu 1 h) ġdid fir-Riżoluzzjoni 11.21 (Rev. CoP18) kif ukoll paragrafu 2f ġdid fir-Riżoluzzjoni 4.6 (Rev. CoP18), bħala alternattiva possibbli għall-proposti testwali tal-UE dwar l-istess kwistjoni fid-Dok. 66.4, paragrafu 14, minħabba li l-proposti tas-Segretarjat jikkondividu l-istess intenzjoni u għan.</p> <p>Appoġġ preliminari għall-adozzjoni tal-emendi proposti l-oħra tas-Segretarjat għar-Riż. Konf. 11.21, ir-Riżoluzzjoni Konf. 4.6 (Rev. CoP18) u r-Riżoluzzjoni Konf. 4.25 (REV. CoP 18), madankollu, jistgħu jiġu proposti xi bidliet għat-test biex jittejjeb it-test, b'mod partikolari biex jiġi kopert il-każ ta' elenkar maqsum fir-Riżoluzzjoni Konf. 4.25 (Rev. CoP18); biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni Konf. 4.25 (Rev. CoP18) għall-pjanti wkoll u biex jiġi żgurat li l-bidliet proposti għar-Riżoluzzjoni Konf. 4.6 (Rev. CoP 18) iqisu r-rabta bejn il-proċessi tar-riżoluzzjonijiet li jiġu emendati r-riżoluzzjonijiet u l-annotazzjonijiet li jirreferu għalihom.</p>	(+)
-----	---	------	--	-----

#### Proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet

89.	<b>Proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet I u II</b>			<i>Proposti għall-elenkar huma indirizzati fil-Parti 2 ta' dan id-dokument, hawn taħt.</i>	
	89.1	Il-valutazzjoni tas-Segretarjat tal-proposti biex jiġu emendati l-Appendiċijiet I u II CoP19 Dok. 89.1			
	89.2	Kummenti mill-Partijiet CoP19 Dok. 89.2	Seg.		
	89.3	Kummenti minn persuni statutorji kkonsultati CoP19 Dok. 89.3			

#### Konklużjoni tal-laqgħa

90.	Determinazzjoni tal-ħin u l-post tal-laqgħa regolari li jmiss tal-Konferenza tal-Partijiet		L-ebda dokument	
-----	--	--	-----------------	--

91.	Rimarki tal-aħħar (Osservaturi, Partijiet, Segretarju Ġenerali tas-CITES, Gvern Ospitanti)		L-ebda dokument
-----	--	--	-----------------

(<sup>1</sup>) Seg. = Segretarjat tas-CITES

SC = Kumitat Permanenti

AC = Kumitat tal-Animali

PC = Kumitat tal-Pjanti

## 2. PROPOSTI GĦALL-ELENKAR

Nru.	Unità tassonomika / Dettalji	Proposta	Proponent	Kummenti	Pożizzjoni
FAWNA - MAMMALIA					
1.	Hippopotamus amphibious (Ippopotamu)	II – I Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Benin, il-Burkina Faso, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Gabon, il-Guinea, il-Liberja, il-Mali, in-Niġer, is-Senegal, it-Togo	Opponi. Il-popolazzjoni ma tissodisfax il-kriterji tal-elenkar fl-Appendiċi I.  Irrikonoxxi l-ħtieġa ta' konservazzjoni mtejba tal-ispeċijiet f'ċerti reġjuni u kun lest li tiddiskuti t-triq 'il quddiem fl-elenkar tal-Appendiċi II.	-
2.	Ceratotherium simum simum (Rinoċeronte abjad tan-Nofsinhar jew bix-xufftejn kwadri tan-Nofsinhar) (il-popolazzjoni tan-Namibja)	I – II Il-popolazzjoni tan-Namibja għandha tiġi ttrasferita mill-App. I għall-App. II bl-annotazzjoni li ġejja:  Għall-għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali ta':  a) annimali ħajjin għall-konservazzjoni in situ biss; u  b) trofej tal-kaċċa. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ tagħhom għandu jiġi rregolat skont dan.	Il-Botswana, in-Namibja	Il-kriterji bijoloġiċi għall-elenkar 'l isfel jidhru li ġew issodisfati. Madankollu, id-data dwar ir-riproduzzjoni u l-istruttura tal-popolazzjoni, kif ukoll id-daqs effettiv tal-popolazzjoni u l-frammentazzjoni tal-popolazzjoni huma ta' tħassib. Għalhekk, trasferiment għal App II ta' annimali ħajjin għal skopijiet ta' konservazzjoni in situ u għal siti fi ħdan il-firxa naturali u storika tal-ispeċijiet fl-Afrika biss jista' jiġi appoġġat. Trasferiment għall-App. II biex jiġi permess il-kummerċ fit-trofej tal-kaċċa ma jistax jiġi appoġġat għal raġunijiet ta' prekawzzjoni, peress li ġie pprovat li l-qrun tar-rinoċeronti li joriġinaw minn trofej tal-kaċċa jidhru fil-kummerċ illegali, u l-elenkar fl-App. II għal inqas skrutinju tat-trofej tal-kaċċa mill-Partijiet importaturi.	(-)



3.	Ceratotherium simum simum (Rinoċeronte abjad tan-Nofsinhar jew bix-xufftejn kwadri tan- Nofsinhar) (il-popolazzjoni tal- Eswatini)	Għandha titneħħa l-annotazzjoni eżistenti dwar l-elenkar fl-Appendiċi II tal-popolazzjoni tal- Eswatini	L-Eswatini	Opponi. Il-popolazzjoni tkompli tissodisfa l-kriterji għall- elenkar fl-App. II, iżda t-tneħħija tal-annotazzjoni kif proposta ma tissodisfax is-salvagwardji ta' prekawzjoni stabbiliti fil- Para A. 2. a) fl-Anness 4 tar-Riż. Konf. 9.24. It-tkomplija tal- kummerċ tal-qrun tar-rinoċeronti tibgħat sinjal ħażin f'dan il-mument, minħabba l-livell għoli ta' kaċċa illegali u kummerċ illegali. Din iddgħajef ukoll l-azzjoni għat-tnaqqis tad- domanda minn ħafna Partijiet għal din l-ispeċi.	-
4.	Loxodonta africana (Ljunfant Afrikan) (popolazzjonijiet tal- Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe)	Tiġi emendata l-Annotazzjoni 2 relatata mal- popolazzjonijiet tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe  L-emendi proposti huma murija b'test maqtugħ:  Għall-għan esklużiv li jiġi permess: a) kummerċ fi trofej tal-kaċċa għal għanijiet mhux kummerċjali b) il-kummerċ fl-annimali ħajjin għal destinaz- zjonijiet xierqa u aċċettabbli kif iddefiniti fir- Riżoluzzjoni Konf. 11.20 (Rev. CoP17), għall-Botswana u ż-Żimbabwe u għall-pro- grammi ta' konservazzjoni in situ għan-Na- mibja u l-Afrika t'Isfel; c) kummerċ fil-ġlud; d) kummerċ fix-xagħar; e) kummerċ f'oġġetti tal-ġild għal għanijiet kummerċjali u mhux kummerċjali għall- Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel; f) kummerċ f'Ekipas immarkati u ċċertifikati in- dividwalment inkorporati f'gjojellerija finali għal għanijiet mhux kummerċjali għan-Na- mibja u tinqix fl-avorju għal għanijiet mhux kummerċjali fiż-Żimbabwe; g) kummerċ favorju mhux maħdum irreġistrat (għall-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe, sinniet u biċċiet sħaħ) soġġetti għal li ġej;	Iż-Żimbabwe	Opponi l-istat attwali peress li l-bidla mitluba ser tirriżulta fil- ftuħ tal-kummerċ internazzjonali tal-avorju, u għalhekk ma tissodisfax il-miżuri ta' prekawzjoni fl-Anness 4 tar-Riż. Konf. 9.24. Jekk ikun hemm ftehim fil-CoP19 dwar l-effetti ta' riżerva għal bidliet f'annotazzjoni (l-annotazzjoni preċedenti tibqa' fis- seħħ), u l-bidliet fl-annotazzjoni jkunu limitati għat-tħassir ta' partijiet żejda dwar il-bejgħ ta' darba preċedenti u/jew it-tħassir tar-referenza għar-riżoluzzjoni b'tali mod li huwa konformi mad-dokument propost tal-UE 66.4.2, l-UE tista' tivvota favur bidla.	(-)

- i) stokks proprjetà tal-gvern irreġistrati biss, li joriġinaw fl-Istat (minbarra avorju kkonfiskat jew avorju ta' oriġini mhux magħrufa);
- ii) biss għal imsieħba kummerċjali li ġew ivverifikati mis-Segretarjat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, li għandhom leġislazzjoni nazzjonali suffiċjenti u kontrolli kummerċjali domestiċi sabiex jiżguraw li l-avorju impurtat ma jiġix esportat mill-ġdid u jkun ġestit f'konformità mar-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni Konf. 10.10 (Rev. CoP17) dwar manifattura u kummerċ domestiku;

iii) mhux qabel ma s-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi prospettivi tal-importazzjoni u l-istokks proprjetà tal-gvern irreġistrati;

iv) ir-rikavati mill-kummerċ jintużaw esklużivament għall-konservazzjoni tal-iljunfanti u għal programmi komunitarji ta' konservazzjoni u żvilupp fi ħdan jew magħnib iż-żona fejn jimirħu l-iljunfanti; u

Fuq proposta mis-Segretarjat, il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jwaqqaf dan il-kummerċ parzjalment jew għalkollox fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mill-pajjiżi esportaturi jew importaturi, jew fil-każ ta' impatti ta' detriment ippruvati tal-kummerċ fuq popolazzjonijiet oħra tal-iljunfanti.

L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Appendiċi I u l-kummerċ tagħhom għandu jiġi rregolat skont dan.

5.	Loxodonta africana (Ljunfant Afrikan) (popolazzjonijiet tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe)	II – I It-trasferiment tal-popolazzjonijiet tal-Botswana, tan-Namibja, tal-Afrika t'Isfel u taż-Żimbabwe mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Burkina Faso, il-Guinea Ekwatorjali, il-Mali, is-Senegal	Dawn l-4 popolazzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji għall-elenkar fl-Appendiċi I.	-
6.	Cynomys mexicanus (Kelb tal-praterija Messikan)	I – II Trasferiment mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	Il-Messiku	Il-kriterji għall-elenkar fl-Appendiċi I ma għadhomx issodisfati. Minn meta l-ispeċi ġiet elenkata fl-Appendiċi I tas-CITES fl-1975, ġew irreġistrati biss żewġ tranżazzjonijiet ta' kummerċ internazzjonali (li t-tnejn li huma kienu jinvolvu eżemplari għal skopijiet xjentifiċi). L-Awtorità tal-infurzar tal-Liġi tal-Messiku (PROFEPA) irrapportat li mill-2013 sal-2019, inqas disa' eżemplari fil-livell nazzjonali. Ma hemm l-ebda rekord uffiċjali tal-bejgħ ta' eżemplari ta' din l-ispeċi, u lanqas ma hemm suq nazzjonali jew internazzjonali li jhedded il-popolazzjonijiet selvaġġi tagħha.	+

FAWNA – AVES

7.	Branta canadensis leucopareia (wiżża Alewtina)	I - II Trasferiment mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-proposta. Il-popolazzjoni ta' din is-sottospeċi rkuprat sew minn meta kienet kważi estinta fis-sinn sittin għal popolazzjoni ta' 162 000 illum, li hija ġestita tajjeb permezz tal-kaċċa rregolata. Ma huwa rrapportat l-ebda kummerċ illegali.	+
8.	Kittacincla malabarica (Shama ta' xamm abjad)	Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Malażja, Singapore	Appoġġa l-proposta, peress li l-ispeċi tissodisfa l-kriterji tal-elenkar fl-Appendiċi II. Minħabba l-kapaċità tagħha li tkanta, din l-ispeċi hija waħda mill-ispeċi li għandha l-aktar valur fil-kummerċ tal-għasafar tal-gaġġa tal-Asja tax-Xlokk u tappartjeni għall-aktar speċijiet importanti użati fil-kompetizzjonijiet tal-kant.	+
9.	Pycnonotus zeylanicus (Bulbul rasu tibnija)	II - I Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	Il-Malażja, Singapore, l-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-proposta. Din l-ispeċi tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi fl-Anness 1 tar-Riżoluzzjoni Konf. 9.24 (Rev. CoP17).	+

10.	Phoebastria albatrus (Albatru denbu qasir)	I - II Trasferiment mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-proposta peress li l-kummerċ internazzjonali ma għadux theddida u ma għadx hemm domanda sinifikanti għall-ispeċi. Madankollu, peress li l-popolazzjoni għadha żgħira u vulnerabbli ħafna, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-istati tal-medda l-oħrajn għandhom jiġu mħeġġa jiżguraw li jittieħdu miżuri ta' konservazzjoni xierqa biex tiġi żgurata popolazzjoni stabbli u li tiżdied.	+
-----	---	--	---------------------------	--	---

FAWNA – RETTILI

11.	Caiman latirostris (Kajman imnieħru wiesa') (il-popolazzjoni tal-Brażil)	I - II Il-popolazzjoni tal-Brażil għandha tiġi ttrasferita mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	Il-Brażil	Appoġġa, peress li l-ispeċi hija mifruxa u abbondanti f'ħafna postijiet mis-snin 90 'l hawn u ma tiffaċċa l-ebda riskju ta' estinzjoni fil-futur prevedibbli. Il-miżuri prekawzjonarji skont l-Anness 4 paragrafu A 2 a ii) tar-Riżoluzzjoni 9.24 (rev.) jintlaħqu u ż-żamma tagħhom fl-Appendiċi I skont l-Artikolu II paragrafu 1 tal-Konvenzjoni ma tkunx ġustifikata.	+
12.	Crocodylus porosus (Kukkudrill tal-ilma salmura) (il-popolazzjoni tal-Gżejjer tal-Palawan (il-Filippini)	I - II Il-popolazzjoni tal-Gżejjer tal-Palawan (il-Filippini) għandha tiġi ttrasferita mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II bi kwota ta' esportazzjonijiet żero għall-eżemplari selvaġġi	Il-Filippini	Appoġġa, peress li l-ispeċi la hija mhedda globalment u lanqas lokalment u l-kwota tal-esportazzjoni żero għall-eżemplari selvaġġi tipprovdi miżura ta' prekawzjoni skont l-Anness 4 paragrafu A 2 a iii) tar-Riżoluzzjoni 9.24 (rev).	+
13.	Crocodylus siamensis (Kukkudrill Sjamiz) (il-popolazzjoni tat-Tajlandja)	I - II Il-popolazzjoni tat-Tajlandja għandha tiġi ttrasferita mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II bi kwota żero għall-eżemplari selvaġġi	It-Tajlandja	Opponi, peress li l-popolazzjoni selvaġġa għadha żgħira ħafna u mhedda mill-estinzjoni. Il-kriterji bijoloġiċi għal elenkar fl-Appendiċi I għadhom issodisfati.	-
14.	Physignathus cocincinus (Dragun tal-ilma Ċiniż)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Unjoni Ewropea, il-Vjetnam	Proposta tal-UE	+
15.	Cyrtodactylus jeyporensis (wiżgħa tal-għoljiet ta' Jeypore)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Indja	Appoġġa, peress li l-kriterji tal-Appendiċi II jidher li huma ssodisfati. L-ispeċi hija ristretta għal ftit postijiet u probabbilment għandha daqs żgħir tal-popolazzjoni. Bħallissa l-ispeċi mhijiex mhedda bl-estinzjoni, iżda b'rabta mad-daqs tal-popolazzjoni, id-domanda għall-kummerċ hija għolja biżżejjed biex tirrappreżenta theddida għas-sopravivenza tal-ispeċi.	+

16.	Tarentola chazaliae (Wiżgħa helmethead)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Mauritania, is-Senegal	L-ispeċi hija minn tal-anqas okkażjonalment ikkummerċjalizzata f'numri kbar u dan jista' jhedded il-popolazzjonijiet lokali u l-kontinwità tal-medda. Ir-regolamentazzjoni tal-kummerċ skont l-Appendiċi II hija meħtieġa biex jiġi evitat kummerċ detrimental li għandu l-potenzjal li jhedded l-ispeċi.	+
17.	Phrynosoma platyrhinos (Gremxula muqrana tad-deżert)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Opponi, peress li ma hemm l-ebda konformità mal-kriterji. Il-livelli tal-kummerċ naqsu matul dawn l-aħħar snin u ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tnaqqis fil-popolazzjoni li jista' jhedded l-ispeċi fil-futur prevedibbli.	-
18.	Phrynosoma spp. (Gremxul Muqran)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Messiku	Il-proposta ma tistax tiġi appoġġata kif inhi bħalissa iżda jista' jiġi kkunsidrat l-elenkar ta' ċerti speċijiet li jissodisfaw il-kriterji.	(-)
19.	Tiliqua adelaidensis (Gremxula Nana b'Il-sien Blu)	0 - I Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi I	L-Awstralja	Appoġġa. L-ispeċi tissodisfa diversi kriterji tal-elenkar deskritti fl-Anness 1, il-paragrafi B u C.	+
20.	Epicrates inornatus (Boa ta' Puerto Rico)	I - II Trasferiment mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Appoġġa l-proposta. Din l-ispeċi ma għadhiex mhedda u hemm domanda baxxa. Għalhekk, l-ispeċi ma għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-Appendiċi I.	+
21.	Crotalus horridus (Lifgħa tal-Injam)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Opponi, peress li l-kummerċ internazzjonali tant huwa baxx li ma jistax jhedded din l-ispeċi komuni u mifruxa u l-kriterji tal-elenkar ma jintlahqax.	-
22.	Chelus fimbriata u C. orinocensis (Amazon matamata u Orinoco matamata)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, il-Perù	Il-proposta tippreżenta data inkonsistenti dwar is-sors tal-eżemplari fil-kummerċ legali u illegali u ma fihix data attwali dwar il-popolazzjoni. Fil-forma attwali tagħha, il-proposta la turi li l-ispeċi hija mhedda, u lanqas li l-kummerċ għandu influwenza detrimental fuq is-sopravivenza tagħha. Il-proposta tista' tiġi appoġġata jekk il-proponenti jipprovdu evidenza li l-eżemplari fil-kummerċ illegali oriġinaw mis-selvaġġ u/jew li l-eżemplari mrobbija illegalment ikunu ddaħħlu b'mod illeċitu fil-farms tat-tnissil, u dan ma jistax jiġi evitat mingħajr ma l-ispeċi tiġi elenkata fl-Appendiċi II. Il-pożizzjoni tal-UE ser tiġi ffinalizzata meta tasal informazzjoni addizzjonali mill-Perù.	(+)

23.	Macrochelys temminckii u Chelydra serpentine (Fekruna Hattiefa Alligator u Fekruna Hattiefa Komuni)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Opponi l-proposta kif ġiet ippreżentata iżda tappoġġa l-inklużjoni ta' Macrochelys temminckii biss fl-Appendiċi II. L-elenkar ta' Chelydra serpentina skont l-Artikolu II 2b ma jiffaċilitax il-kontroll effettiv tal-kummerċ f'Macrochelys temminckii, jikkawża saħansitra aktar kwistjonijiet simili fir-rigward ta' Chelydra rossingnoidii u C. acutirostris u jżid il-preżżjoni kummerċjali fuq dawn l-ispeċijiet vulnerabbli.	(-)
24.	Graptemys barbouri, G. ernsti, G. gibbonsi, G. pearlensis u G. pulchra (Fekruna tal-mappa ta' Barbour, fekruna tal-mappa ta' Escambia, fekruna tal-mappa ta' Pascagoula, fekruna tal-mappa ta' Pearl River, fekruna tal-mappa ta' Alabama)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Il-kummerċ internazzjonali fil-ħames speċijiet kollha tant huwa baxx u (kważi) fis-sors C biss li mhux mistenni li jkollu impatt negattiv fuqhom. Il-kriterji tal-Appendiċi II mhumiex issodisfati. Filwaqt li ntwerja li l-ispeċijiet kollha huma affettwati minn bosta theddidiet, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-kummerċ huwa waħda minnhom.	(-)
25.	Batagur kachuga (Fekruna bil-quċċata ħamra)	II - I Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Indja	Appoġġa l-proposta. Huwa ċar li din l-ispeċi tissodisfa l-kriterji għall-elenkar tal-Appendiċi I. L-ispeċij hija mhedda u l-habitat naturali huwa diffiċli li jiġi protett.	+
26.	Cuora galbinifrons (Fekruna tal-qoxra kaxxa tal-Indoċina)	I - II Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Unjoni Ewropea, il-Vjetnam	Proposta tal-UE	+
27.	Rhinoclemmys spp. (Fkieren tal-injam tat-tropiċi l-ġodda)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, il-Panama	Huma biss Rhinoclemmys pulcherrima u R. punctularia li jidhru li qed jiġu kkummerjalizzati f'numri rilevanti għall-konservazzjoni iżda l-esportatur ewlieni tan-Nikaragwa jippermetti biss il-kummerċ ta' kampjuni mrobbija fil-magħluq u ma hemm l-ebda evidenza ta' nuqqas ta' konformità rilevanti għall-konservazzjoni. L-ispeċijiet kollha jistgħu jiġu identifikati skont il-kolorazzjoni ta' rashom, għonqhom u qoxorthom. Għaldaqstant, l-Artikolu II 2a jew b jidher li ma ntlaħaqx għall-ispeċijiet kollha u l-proposta kif ġiet ippreżentata ma għandhiex tiġi appoġġata, iżda jista' jiġi kkunsidrat appoġġ għal proposta mnaqqsa.	(-)

28.	Claudius angustatus (Fekruna Miska Dejqa)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Messiku	Appoġġa l-proposta. Il-kriterju B tal-Anness 2a huwa ssodisfat peress li l-ħsad legali u illegali mis-selvaġġ probabbilment għandu volum rilevanti għall-konservazzjoni.	+
29.	Kinosternon spp. (Fkieren tat-tajjn)	0 - I 0 - II Għandhom jiġu inklużi Kinosternon cora u K. vogti fl-Appendiċi I, u kull speċi oħra ta' Kinosternon spp. għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, El Salvador, il-Messiku, il-Panama, l-Istati Uniti tal-Amerka	L-UE tista' tappoġġa proposta aktar ristretta jekk il-proponenti jiddeċiedu li jillimitawha għal dawk l-ispeċijiet li għalihom jista' jintwera li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar, speċjalment minħabba li dawn l-ispeċijiet huma kkummerċjalizzati b'mod sinifikanti. K. cora u K. vogti jidhru li jikkwalifikaw għall-elenkar fl-Appendiċi I; aktar speċijiet tal-ġeneru jidhru li jikkwalifikaw għall-elenkar fl-Appendiċi II, iżda ħafna speċijiet la huma mhedda u lanqas ma hemm kummerċ tagħhhom irrapportat.	(-)
30.	Staurotypus salvinii u S. triporcatus (Fekruna miska ġganta tal-Messiku)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	El Salvador, il-Messiku	Appoġġa. L-elenkar ta' Staurotypus triporcatus huwa ġġustifikat, peress li hemm domanda kbira għaliha fil-kummerċ. Ma huwiex ċar jekk Staurotypus salvinii tissodisfax il-kriterji bijoloġiċi għall-Appendiċi II, iżda d-distinzjoni bejnha u Staurotypus triporcatus hija diffiċli u probabbli l-kummerċ ma jagħmilx differenza bejn iż-żewġ speċijiet, u għalhekk x'aktarx li xorta tissodisfa l-kriterju tax-xebh fir-Riż. 9.24 (kriterju A tal-Anness 2 b).	+
31.	Sternotherus spp. (Fekruna Miska)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Istati Uniti tal-Amerka	Sternotherus depressus tissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni fl-Appendiċi I aħjar milli għall-Appendiċi II. L-uniku konġeneru li jixbah lil S. depressus huwa S. intermedius, iżda din l-ispeċi hija rari fil-kummerċ u ma tistax tiffaċilita l-ħasil rilevanti tal-organiżmi selvaġġi. Speċijiet oħra jinqabdu u jiġu kkummerċjalizzati f'numri kbar, iżda mingħajr evidenza li dan jikkawża theddida. Għalkemm il-proposta ma tissodisfax bis-sħiħ il-kriterji tal-elenkar, jista' jiġi kkunsidrat appoġġ għal proposta mnaqqsa, speċjalment l-inklużjoni ta' S. depressus fl-Appendiċi II.	(+)
32.	Apalone spp. (Fekruna Qoxritha ratba)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II (ħlief is-sottospeċijiet inklużi fl-Appendiċi I)	L-Istati Uniti tal-Amerka	Il-kriterju B tal-Anness 2a jista' jkun li huwa ssodisfat, madankollu hemm nuqqas ta' data rilevanti dwar il-popolazzjoni, li jagħmilha diffiċli li jiġi evalwat l-impatt tal-kummerċ fuq il-popolazzjonijiet selvaġġi. Hemm biss ftit evidenza għall-kaċċa illegali fis-selvaġġ Apalone spp. Abbażi ta' domanda għolja ħafna, għandhom jiġu applikati miżuri ta' prekawzjoni u l-proposta għandha tiġi appoġġata.	+

33.	Nilssonina leithii (Fekruna Qoxriha Ratba ta' Leith)	II – I Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I	L-Indja	Appoġġa l-proposta peress li l-kriterji għall-elenkar fl-Appendiċi I huma ssodisfati. Tnaqqis qawwi fil-popolazzjoni (aktar minn 90 % f'dawn l-aħħar 30 sena) li jidher li għadu għaddej. Theddid ewlenija hija d-domanda għall-ikel u għall-mediċina Asjatika tradizzjonali.	+
-----	--	--	---------	---	---

FAWNA - AMFIBJI

34.	Centrolenidae spp. (Żrinġijiet Trasparenti)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Arġentina, il-Brażil, il-Costa Rica, il-Kosta tal-Avorju, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, El Salvador, il-Gabon, il-Guinea, in-Niġer, il-Panama, il-Perù, it-Togo, l-Istati Uniti tal-Amerka	Huwa ċar li l-kriterju tal-elenkar għall-elenkar fl-Appendiċi II ma huwiex issodisfat mill-familja kollha bil-158 speċi tagħha. Peress li l-kriterji għall-elenkar ma ntlaħqux, il-proposta ma għandhiex tiġi appoġġata.	(-)
35.	Agalychnis lemur (Żrinġ lemur tas-siġar)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II bi kwota annwali ta' esportazzjonijiet żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali	Il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Unjoni Ewropea, il-Panama	Proposta tal-UE	+
36.	Laotriton laoensis (Salamandra tal-Laos)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II bi kwota ta' esportazzjonijiet żero għall-eżemplari maqbuda mis-selvaġġ li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali	Unjoni Ewropea	Proposta tal-UE	+



## FAWNA – ELAŻMOBRANKI (Klieb il-baħar)

37.	Carcharhinidae spp. (Kelb il-baħar griż tal-iskoll, kelb il-baħar dusky, kelb il-baħar denbu żgħir, kelb il-baħar tal-Ganges, kelb il-baħar griż, kelb il-baħar ta' Borneo, kelb il-baħar ta' Pondicherry shark, kelb il-baħar smoothtooth blacktip, kelb il-baħar sharptooth lemon, kelb il-baħar tal-iskoll tal-Karibew, kelb il-baħar daggernose, kelb il-baħar ta' billejl, kelb il-baħar imnieħru abjad, kelb il-baħar imnieħru iswed, kelb il-baħar whitecheek, kelb il-baħar lost, kelb il-baħar denbu żgħir tal-Paċifiku, kelb il-baħar b'xewka wiesgħa ta' Borneo u kelb il-baħar b'xewka wiesgħa)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Banġladesh, il-Kolombja, ir-Repubblika Dominicana, l-Ekwador, El Salvador, l-Unjoni Ewropea, il-Gabon, Iżrael, il-Maldivi, il-Panama, is-Senegal, is-Seychelles, Sri Lanka, ir-Repubblika Għarbija Sirjana, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	Proposta konġunta mill-UE	+
38.	Sphyrnidae spp. (Kurazza)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Brażil, il-Kolombja, l-Ekwador, l-Unjoni Ewropea, il-Panama	Proposta tal-UE	+
39.	Potamotrygon albimaculata, P. henlei, P. jabuti, P. leopoldi, P. marquesi, P. signata u P. wallacei (Boll tal-ilma ħelu ta' Tapajós, boll tax-xmara bigtooth, boll tal-ilma ħelu tal-perli, boll tax-xmara b'tikek bojod, boll tal-ilma ħelu ta' Marques, boll tax-xmara Parnaiba, boll tal-cururu)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Il-Brażil	Ma huwiex ċar jekk il-kriterji għall-ejenkar humiex issodisfati mill-ispeċijiet kollha, u jekk l-ejenkar jgħinx fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali. L-applikazzjoni tal-kriterji ta' trasparenza hija inkonsistenti.	(-)

40.	Rhinobatidae spp. (Vjolin)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	Iżrael, il-Kenja, il-Panama, is-Senegal	Appoġġa, peress li l-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet huma fil-periklu u soġġetti għal pressjoni intensiva tas-sajd. L-elenkar fl-Appendiċi II mhux biss ser jiżgura li l-kummerċ internazzjonali ma jkunx ta' detriment għas-sopravivenza ta' dawn l-ispeċijiet, iżda jippermetti wkoll il-ġbir aħjar tad-data dwar il-kummerċ. Diversi speċijiet jistgħu jsiru eliġibbli għall-inklużjoni fl-Appendiċi I fil-futur jekk il-kummerċ ma jiġix irregolat.	+
41.	Hypancistrus zebra (Pleco bajda u sewda)	0 - I Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi I	Il-Brażil	Il-proposta fil-forma attwali tagħha ma għandhiex tiġi appoġġata. Madankollu, l-UE tista' tappoġġa proposta għall-elenkar fl-Appendiċi II. Jista' jkun li l-ispeċi tissodisfa l-kriterji bijoloġiċi għall-Appendiċi I, madankollu, filwaqt li jidher li jeżisti xi kummerċ illegali mill-Brażil, ma huwiex ċar kif dan il-kummerċ jinfluwenza l-popolazzjonijiet selvaġġi.	(-)

## FAWNA – BUŻŻI

42.	Thelenota spp. (Bużžu ananas, bużžu ġgant, bużžu miksi bl-aħmar)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II	L-Unjoni Ewropea, is-Seychelles, l-Istati Uniti tal-Amerka	Proposta tal-UE	+
-----	--	--	--	-----------------	---

## FLORA (PJANTI)

43.	<i>Apocynaceae, Cactaceae, Cycadaceae, Dicksoniaceae, Euphorbiaceae, Gnetaceae, Liliaceae, Magnoliaceae, Nepenthaceae, Orchidaceae, Papaveraceae, Podocarpaceae, Sarraceniaceae, Trochodendraceae, Zamiaceae, Zingiberaceae</i>	L-annotazzjoni #1 għandha tiġi emendata biex taqra kif ġej: Il-partijiet u d-derivattivi kollha, ħlief għal: [...] b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin in vitro, ittrasportati f'kontenituri sterili;  L-annotazzjoni #4 għandha tiġi emendata biex taqra kif ġej: Il-partijiet u d-derivattivi kollha, ħlief għal: [...] b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin in vitro, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;	Il-Kanada	Appoġġa, peress li hija emenda meħtieġa biex jiġu armonizzati l-okkorrenzi kollha tal-frażi "f'midja solida jew likwida" fl-Appendiċijiet tas-CITES u fl-annotazzjonijiet tal-hash-series.	+
-----	---	--	-----------	--	---

<p>Speċijiet ta' flora bl-annotazzjoni #1, #4, #14 u speċijiet ta' Orchidaceae elenkati fl-Appendiċi-I.spp (orkidei)</p>	<p>L-annotazzjoni #14 għandha tiġi emendata biex taqra kif ġej: Il-partijiet u d-derivattivi kollha, hliief għal: [...] b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin in vitro, ittrasportati f'kontenituri sterili; [...] f) prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-immnut; din l-eżenzjoni ma tapplikax għal-laqx tal-injam, iż-żibeġ, iż-żibeġ tar-rużarju u t-tinqix. Għandu jiġi emendat il-paragrafu f) tat-test bil-Franċiż tal-Annotazzjoni #14 biex jaqra kif ġej: f) les produits finis conditionnés et prêts pour la vente au détail; cette dérogation ne s'applique pas aux copeaux en de bois, aux perles, aux grains de chapelets et aux gravures.</p> <p>Għandha tiġi emendata l-annotazzjoni fil-parenteżi għall-Appendiċi I Orchidaceae fl-Appendiċijiet biex taqra kif ġej: ORCHIDACEAE Orkidei (Għall-ispeċijiet kollha tal-Appendiċi-I li ġejjin, kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba in vitro, u ttrasportati f'kontenituri sterili, ma humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni biss jekk l-eżemplari jissodisfaw id-definizzjoni ta' "ppropagati artifiċjalment" maqbula mill-Konferenza tal-Partijiet).</p>			
--	--	--	--	--

## FLORA – BIGNONIACEAE

44.	Handroanthus spp., Roseodendron spp. u Tabebuia spp. (Siġar tal-fjuri tat-trumbetta)	0 - II Għandhom jiġu inklużi fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni #17 (Zkuk, injam isserat, folji tal-fuljetta, plywood u njam ittrasformat.)	Il-Kolombja, l-Unjoni Ewropea, il-Panama	Proposta tal-UE	+
-----	--	---	--	-----------------	---

## FLORA – CRASSULACEAE

45.	Rhodiola spp. (Rhodiola ta' fjuri kbar, Rhodiola)	0 - II Għandha tiġi inkluża fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni #2 (Il-partijiet u d-derivattivi kollha, ħlief għal: a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra; u b) il-prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-immnut.)	Iċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea, l-Ukrajna, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-Istati Uniti tal-Amerka	Proposta tal-UE	+
-----	---	--	---	-----------------	---

## FLORA – LEGUMI

46.	Afzelia spp. (popolazzjonijiet Afrikani) (siġra tal-kawba Afrikana)	0 – II Għandhom jiġu inklużi l-popolazzjonijiet Afrikani fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni #17 (Zkuk, injam isserat, folji tal-fuljetta, plywood u njam ittrasformat.)	il-Benin, il-Kosta tal-Avorju, l-Unjoni Ewropea, il-Liberja, is-Senegal	Proposta tal-UE	+
47.	Dalbergia sissoo (Injam dagħmi tat-Tramuntana tal-Indja)	II - 0 Għandha titħassar mill-Appendiċi II	L-Indja, in-Nepal	Fil-prinċipju, opponi l-proposta peress li d-distinzjoni bejn din l-ispeċi u oħrajn tirrikjedi għarfien espert speċjalizzat. Jekk il-proponenti jistgħu jipprovdu evidenza addizzjonali dwar it-tekniki ta' identifikazzjoni disponibbli faċilment għall-awtoritajiet tas-CITES, il-pożizzjoni tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid.	-
48.	Dipteryx spp. (Cumaru, Tonka)	0 - II Għandhom jiġu inklużi fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni "Zkuk, injam isserat, folji tal-fuljetta, plywood, injam ittrasformat u żrieragħ"	Il-Kolombja, l-Unjoni Ewropea, il-Panama	Proposta tal-UE	+

49.	Paubrasilia echinata (Injam ta' Pernambuco, Brazilwood)	II - I Trasferiment mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I bl-annotazzjoni "Il-partijiet, id-derivattivi u l-prodotti lesti kollha, inkluż l-ispag ta' strumenti mużikali, għajr strumenti mużikali u l-partijiet tagħhom li jiffurmaw orkestri li jivvjaġġaw, u mużiċisti individwali b'passaporti mużikali f'konformità mar-Riżoluzzjoni 16.8."	Il-Brażil	It-test tal-annotazzjoni mhuwiex ċar. u l-UE tista' tappoġġa l-proposta biss jekk il-proposta tiġi emendata.  Filwaqt li hemm qbil li hemm bżonn ta' aktar kontroll tal-kummerċ fl-ispeċi u li għandhom jiġu koperti l-esportazzjonijiet kollha mill-Brażil, inkluż l-inbjank u ċ-ċappetti lesti, għandu jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv mhux meħtieġ għall-konservazzjoni tal-ispeċi u għandhom jitqiesu b'mod xieraq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk li jagħmlu ċ-ċappetti. L-UE ma tistax taqbel ma' referenza għal riżoluzzjoni f'annotazzjoni.	(+)
50.	Pterocarpus spp. (popolazzjonijiet Afrikani) (injam aħmar tal-Afrika, injam aħmar ta' Eared, injam dagħmi tal-Afrika, injam aħmar b'weraq żgħir, injam aħmar b'weraq tond, padauk tal-Afrika)	0 - II Għandhom jiġu inklużi l-popolazzjonijiet Afrikani kollha fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni #17 (Zkuk, injam isserrat, folji tal-fuljetta, plywood u njam ittrasformat), u l-annotazzjonijiet ta' Pterocarpus erinaceus u P. tinctorius, li diġà huma elenkati fl-Appendiċi II, għandhom jiġu emendati għall-annotazzjoni #17	Il-Kosta tal-Avorju, l-Unjoni Ewropea, il-Liberja, is-Senegal, it-Togo	Proposta tal-UE	+

## FLORA – MELIACEAE

51.	Khaya spp. (siġra tal-kawba tal-Afrika)	Għandhom jiġu inklużi l-popolazzjonijiet Afrikani fl-Appendiċi II bl-annotazzjoni #17 (Zkuk, injam isserrat, folji tal-fuljetta, plywood u njam ittrasformat.)	Il-Benin, il-Kosta tal-Avorju, l-Unjoni Ewropea, il-Liberja, is-Senegal	Proposta tal-UE	+
-----	---	--	---	-----------------	---

FLORA – ORCHIDACEAE

52.	Orchidaceae spp. (Orkidei)	Għandha tiġi emendata l-Annotazzjoni #4, biż-żieda ta' paragrafu ġdid g), biex taqra: "g) il-prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-immnut ta' kożmetiċi li fihom partijiet u derivattivi ta' Bletilla striata, Cycnoches cooperi, Gastrodia elata, Phalaenopsis amabilis jew P. lobbii"	L-Iżvizzera	Opponi. Ma jistax jiġi eskluż li materjal ta' oriġini W jew Y ser jintuża fil-kożmetiċi fil-futur. Abbażi ta' dan, huwa ssuġġerit approċċ prekawzjonarju sakemm l-Annotazzjoni ma tinbidilx biex jiġu esklużi l-kodiċijiet tas-sors "W" u "Y". Il-proposta attwali hija problematika fir-rigward tal-evitar tar-riskju tal-ħasil tad-dħul illeċitu tal-organiżmi selvaġġi.	-
-----	----------------------------	--	-------------	--	---

*ANNEX IIa*

**Emenda għall-Appendiċi III għas-CITES**

***Papilio phorbanta* Appendiċi III**

---